# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Dicembru 2024**

**<u>Rikors guramentat nru : 13 /2013 AGV</u>**

**MDG**

**Vs**

**DDG**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' MD G fejn ippremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet izzewwgu f `Malta fil-21 ta' Gunju 1992, fil-Katidral tal-Imdina, u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal u cioe' D  li twieldet fl-1998 u li ghandha erbatax-il sena u DE.  li twieldet fl-2007 u li ghandha hames snin.

2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, tortijiet u ragunijiet ohra imputabbli lill-intimtata li wasslu sabiex iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment.

3. Illi z-zwieg tal-partijiet kien ilu jiddegenera u l-partijiet kienu ben konxji tal-fatt illi ghajnuna  ta' counsellor sabiex jippruvaw jirrangaw l-istat hazin taz-zwieg taghhom izda dan minghajr success.

4. Illi xi sena ilu l-affarijiet tant iddegeneraw, illi l-hajja kienet saret impossibbli ghall-esponent, u fil-fatt kien l-istess counsellor illi kien ta l-attur parir illi jitlaq mid-dar ghaliex kien car illi l-partijiet ma setghux ighixu flimkien anke minhabba glied li kien isir quddiem it-tfal u ghalhekk kien ta' hsara ghalihom.

5. Illi minhabba f`hekk l-esponent telaq mid-dar, filwaqt li martu u zewg uliedu baqghu jghixu fid-dar matrimonjali.

6. Il-partijiet t-tnejn jahdmu u ghalhekk l-intimata ghandha mezzi bizzejjed u hija f`sitwazzjoni li tmantni lillha nnfisha u tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-familja.

7. Illi ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni u l-esponenti gie debitament awtorizzat biex jipprocedi f`dina l-istanza skond kif jirrizulta mill-anness digriet- DOK A.

**TALBIET**

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex din l-Qorti m`ghandhiex:-

1) Tippronunzja separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi de Giorgio kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;
2) Tordna t-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.
3) Tillikwida l-istess Komunjoni tal-Akkwisti u tordna li l-istess assi u oggetti kollha formati parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti jinqasmu f`zewg porzjonijiet, b`mod li f'tali likwidazzjoni jittiehed kont tal-krediti parafernali tar-rikorrenti fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti dan kollu okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
4) Tistabbilixxi data meta l-intimata tigi kkunsidrata hatja tal-firda b`tali mod li titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tar-rikorrenti skond il-ligi minn dak in-nhar.
5) Tapplika kontra l-intimata interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 52 tal-Kodici Civili kif intqal fuq ghar-ragunijiet fuq premessi.
6) Tiddikjara illi l-intimata ghandha titqies li ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut, jew f' kull kaz li ma haqqiex manteniment stante li hija tahdem ossia ghandha l-mezzi sabiex tmantni lillha nnifisha.

7) Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D  u DE  ahwa DG  f`idejn l-intimata b`dana ili l-esponent jinghata drittijiet ta' access l-iktar wieghsa ghall-uliedu u cioe' bi dritt ukoll li johroghom, jzommhom ghandu ukoll matul il-lejl u jsiefer maghhom jekk ikun il-kaz ghal btajjel u dan taht dawk il-provvedimenti l-ohra kollha fl-interess suprem tal-minuri li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.
8) Tiffissa retta alimentari ghall-minuri msemmija li thallas mill-partijiet skond il-mezzi relattivi taghhom u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din l-Onorabbli Qorti, waqt il-medjazzjoni kontra l-intimata ngunta minn issa stess in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata** tal-konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali b' dana pero' illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma huwiex minnu illi l-konvenuta b' xi mod tat lok ghas-separazzjoni personali kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.  Illi f' dan ir-rigward ma hemmx lok ghalfejn ghandhom jigu applikati kontra taghha d-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attur u konsegwentement dawn l-imsemmija artikoli ghandhom jigu applikati kontra l-istess attur peress illi huwa kien hati esklussivament ghat-tifrik taz-zwieg.

2. Illi t-tieni u t-tielet talba dwar ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mhijiex opposta, b'dana pero' illi jigi kkonsidrat illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u b' dan ukoll illi l-konvenuta, illi ma kienet b' ebda mod responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg ma ghandiex titqies dekaduta mid-dritt taghha illi tippercepixxi sehem minn dak akkwistat principalment bil-hidma tal-attur.

3. Illi r-raba u l-hames talba huma opposta stante illi l-konvenuta ma' kienetx hatja tat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attur kontra l-konvenuta.

4. Illi s-sitt talba hija opposta bhala inveritjera. L-eccipjenti qatt ma tista' titqies illi b' ghemilha ddekadiet mid-dritt taghha illi tircievi l-manteniment minghand l-attur zewgha.

5. Illi s-seba' talba m'hijiex opposta stante illi huwa fl-interess illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri D u DE tkun fdata f' idejn il-konvenuta ommhom. Illi m' hemmx oppozizzjoni ghall-access tal-attur, purche' l-access stabbilit ikun jirrifletti ukoll il-htigijiet tat-tfal, ix-xewqat taghhom u l-impenji socjali u edukattivi taghhom. L-eccipjenti trid ukoll illi l-access ikun ezercitat skont granet u hinijiet iffissati mill-Qorti, naturalment wara smiegh tal-partijiet u okkorrendo tat-tfal.

6. Illi t-tmien talba ma hiex opposta purche’ l-istess tiftiehem bhala li twassal ghall-ordni ta’ hlas ta’ manteniment mill-attur lill-konvenuta ghall-htigijiet tal-minuri.

7. Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta peress illi l-attur huwa hati tas-separazzjoni u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnu.

**Dikjarazzjoni tal-fatti** tal-konvenuta fejn tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:-

1. Illi l-konvenuta tichad kategorikament illi hija kienet b’ xi mod guridikament rilevanti, hatja tat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti. Iz-zwieg tfarrak ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attur.

2. Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta’ Gunju 1992 wara korteggjament ta’ kwazi seba’ snin. Ir-rapport bejn il-kontendenti beda meta l-attur kien hareg qabel il-waqt minn program ta’ rehabilitazzjoni minhabba abbuz ta’ sustanzi.

3. Illi l-problemi bejn il-konjugi bdew fi Frar tas-sena 2012, meta oht l-attur, A C giet nieqsa u l-attur beda izid fil-konsum tal-alcohol. L-attur beda jirritorna lura d-dar tard minn wara x-xoghol, gieli wara t-tmienja ta’ filghaxija. F’ zewg okkazzjonijiet separati fix-xahar ta’ Marzu 2012 l-konvenuta bdiet issib evidenza fisika ta’ interazzjoni intimu ma’ mara ohra fuq il-hwejjeg tal-attur zewgha izda, fl-interess illi tippreserva z-zwieg, l-konvenuta baqghet siekta. Imbaghad ghall-gimgha bejn l-20 u s-27 ta’ Marzu 2012 l-attur beda johrog mid-dar (suppost ghax-xoghol) fl-erba’ ta’ filghodu u baqa’ jirritorna fit-tmienja ta’ filghaxija. Kien jinsisti illi fin-negozju tieghu huwa kien imhabbat hafna.

4. Il-konvenuta pruvat issalva z-zwieg taghha billi talbet lill-konvenut sabiex imorru jkellmu lil Counsellor Philip Vella. L-attur kien informa lil Mr. Vella illi huwa kien attenda din s-seduta sabiex il-konvenuta taccetta illi l-attur kien sejjer jitlaqgha u illi kien sejjer imur joqghod ghand ommu.

5. Fis-27 ta' Marzu 2012, l-attur telaq mid-dar u qal illi huwa kien ser jorqod id-dar ta' ommu. Huwa telaq x' hin l-esponenti wrietu illi kienet sabet tracci t' attivita intima fuq hwejjgu. Huwa innega kull relazzjoni izda avza lill-esponenti illi z-zwieg taghhom kien spicca ghaliex kien imdejjaq. Huwa ma raqad qatt aktar id-dar.

6. L-esponenti bdiet taghmel l-ghassa lil zewgha u sabet illi kien qieghed jiffrekwenta mara ohra u kien ikun kuljum fl-appartament taghha. Illum huwa jghix ma' din il-mara l-ohra f' dan l-appartament.

7. Waqt illi kien qieghed jara mara ohra, l-attur beda jinsisti illi huwa ried jitlaq lill-esponenti ghal varjeta' ta' ragunijiet redikoli, fosthom ghaliex kellu bzonn ftit spazju; ghaliex hija kienet issikkatu; ghaliex ma kienetx tifhmu; etc. Wara ftit xhur ta' firda, huwa ammetta illi kien f' relazzjoni mal-mara l-ohra izda insista illi r-relazzjoni kienet bdiet wara li telaq mid-dar, ghaliex kienet tifhmu u kienet tghinu fid-diffikoltajiet tieghu.

8. Maz-zmien, partikolarment wara li l-attur beda l-proceduri ta' medjazzjoni, il-komportament tieghu mar ghall-aghar. Huwa irriduca l-manteniment lill-esponenti. Beda wkoll jikkrea incidenti dwar it-tfal.

9. Illi fil-bidu tas-sena korrenti, l-attur ha hwejjgu u telaq mid-dar konjugali u sad-data tal-prezentata ta' din l-azzjoni, ma regax raqad id-dar. Naturalment, l-attur zamm ic-cwievet tieghu tad-dar u jidhol u johrog

mid-dar kif irid, generalment biex jirtira xi oggetti jew biex jispezzjona d-dar.

10. Illi ma kienx possibbli illi jintlahaq ftehim bonarju ta' separazzjoni minhabba l-intransigenza tal-attur. B' mod partikolari, l-attur, wara li kien beda l-process ta' medjazzjoni naqas milli javvicina dan il-process b' serjeta' u qatt ma' ta' proposti tal-kondizzjonijiet ta' separazzjoni illi huwa kien qieghed jipproponi.

11. L-uniku interess illi ghandu fid-diskussjoni huwa illi tinbiegh id-dar konjugali. Fil-frattemp, u appuntu sabiex jipprecipta l-bejgh illi donnu tant jixtieq, l-attur waqaf ihallas il-pagament mensili lill-Bank.

12. Illi prezentement u possibilment bil-hsieb illi jinduci lill-esponenti taccetta proposti altrimenti inaccettabbli, l-attur qieghed jaghmel pressjoni ekonomika fuqha. Waqaf ihallas il-kontijiet li dejjem kien ihallas u litteralment berbaq eluf ta' ewro minn kont tal-overdraft tal-kommunjoni.

**Rat il- Kontro Talba ta' DDG fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1) Illi l-konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruhha mir-rikors guramentat tal-attur zewgha sabiex tistitwixxi din il-kontro-talba:-

2) Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Gunju 1992 gewwa l-Konkatidral tal-Imdina.

3) Illi minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal D illi twieldet fis-27 ta' Lulju 1998 u DB li twieldet fit-21 ta' Lulju 2007.

4) Illi l-problemi bejn il-konjugi bdew fi Frar tas-sena 2012, meta oht l-attur, AC giet nieqsa u l-attur beda izid fil-konsum tal-alcohol. L-attur beda jirritorna lura d-dar tard minn wara x-xoghol, gieli wara t-tmienja ta' filghaxija. F' zewg okkazzjonijiet separati fix-xahar ta' Marzu 2012 l-konvenuta bdiet issib evidenza fisika ta' interazzjoni intimu ma' mara ohra fuq il-hwejjeg tal-attur zewgha izda, fl-interess illi tippreserva z-zwieg, baqghet siekta. Imbaghad ghall-gimgha bejn l-20 u s-27 ta' Marzu 2012 l-attur beda johrog mid-dar (suppost ghax-xoghol) fl-erba' ta' filghodu u baqa' jirritorna fit- tmienja ta' filghaxija. Kien jinsisti illi fin-negozju tieghu huwa kien imhabbat hafna.

5) Il-konvenuta ppruvat issalva z-zwieg taghha billi talbet lill-konvenut sabiex imorru jkellmu lil Counsellor Philip Vella. L-attur kien informa lil Mr. Vella illi huwa kien attenda din s-seduta sabiex il-konvenuta taccetta illi l-attur kien sejjer jitlaqha u illi kien sejjer imur joqghod ghand ommu.

6) Fis-27 ta' Marzu 2012, l-attur telaq mid-dar u qal illi huwa kien ser jorqod id-dar ta' ommu. Huwa telaq x' hin l-esponenti wrietu illi kienet sabet tracci t'attivita intima fuq hwejjgu. Huwa innega kull relazzjoni izda avza lill-esponenti illi z-zwieg taghhom kien spicca ghaliex kien imdejjaq. Huwa ma raqad qatt aktar id-dar.

7) L-esponenti bdiet taghmel l-ghassa lil zewgha u sabet illi kien qieghed jiffrekwenta mara ohra u kien ikun kuljum fl-appartament taghha. Illum huwa jghix ma' din il-mara l-ohra f' dan l-appartament.

8) Waqt illi kien qieghed jara mara ohra, l-attur beda jinsisti illi huwa ried jitlaq lill-esponenti ghal varjeta' ta' ragunijiet redikoli, fosthom ghaliex kellu bzonn ftit spazju; ghaliex hija kienet issikkatu; ghaliex ma kienetx tifhmu; etc. Wara ftit xhur ta' firda, huwa ammetta illi kien f' relazzjoni

mal-mara l-ohra izda insista illi r-relazzjoni kienet bdiet wara li telaq mid-dar, ghaliex kienet tifhmu u kienet tghinu fid-diffikoltajiet tieghu.

9) Maz-zmien, partikolarment wara li l-attur beda l-proceduri ta' medjazzjoni, il-komportament tieghu mar ghall-aghar. Huwa irriduca l-manteniment lill-esponenti. Beda wkoll jikkrea incidenti dwar it-tfal.

10) Illi fil-bidu tas-sena korrenti, l-attur ha hwejjgu u telaq mid-dar konjugali u sad-data tal-prezentata ta' din l-azzjoni, ma regax raqad id-dar. Naturalment, l-attur zamm ic-cwievet tieghu tad-dar u jidhol u johrog mid-dar kif irid, generalment biex jirtira xi oggetti jew biex jispezzjona d-dar.

11) Illi ma kienx possibbli illi jintlahaq ftehim bonarju ta' separazzjoni minhabba l-intransigenza tal-attur. B' mod partikolari, l-attur, wara li kien beda l-process ta' medjazzjoni naqas milli javvicina dan il-process b' serjeta' u qatt ma' ta' proposti tal-kondizzjonijiet ta' separazzjoni illi huwa kien qieghed jipproponi.

12) L-uniku interess illi ghandu fid-diskussjoni huwa illi tinbiegh id-dar konjugali. Fil-frattemp, u appuntu sabiex jipprecipta l-bejgh illi donnu tant jixtieq, l-attur waqaf ihallas il-pagament mensili lil Bank.

13) Illi prezentement u possibilment bil-hsieb illi jinduci lill-esponenti taccetta proposti altrimenti inaccettabbli, l-attur qieghed jaghmel pressjoni ekonomika fuqha. Waqaf ihallas il-kontijiet li dejjem kien ihallas u litteralment berbaq eluf ta‘ ewro minn kont tal-overdraft tal-kommunjoni.

14) Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba inkompatabilita' ta' karattru, sevizzi, eccessi, adulterju u ingurji gravi da parti tal-attur.

15) Illi l-konvenuta giet debitament awtorizzata illi tipprezenta kawza ta' separazzjoni kontra zewgha bi digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Marzu 2013 (**DOK A**).

**Ghaldaqstant il-konvenuta** titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:-

i. tiddikjara u tipprounzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar- ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess attur ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda

ii. tawtorizza lill-konvenuta illi tghix separata mill-attur zewgha.

iii. tordna illi l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri D u DB ahwa DG, tigi fdata lill-konvenuta, salv l-access tal-attur illi jigi ezercitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabiliti mill-Qorti.

iv. tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmija minuri D u DB ahwa DG , illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-attur u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-attur lill-istess konvenuta martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti.

v. tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-attur u l-bzonnijiet tal-konvenuta, pagabbli mill-attur lill-istess konvenuta martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed

sabiex il-konvenuta tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attur.

vi. tapplika kontra l-attur interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

vii. tikkundanna lill-attur jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-konvenuta tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

viii. tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-konvenuta u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess konvenuta kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.

ix. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta'l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attur ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att. Kontestwalment mal-imsemmija likwidazzjoni u divizjoni, il-Qorti hija ukoll mitluba, sabiex bil-ghan illi l-pretenzjonijiet reciproci tal-kontendenti jigu definittivament likwidati f' gudizzju wiehed tillikwida l-krediti vantati mill-kontendenti kontra xulxin jew kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, ixxolji kull komunjoni ta' propjeta' ezistenti bejn il-konjugi tordna l-qasma

skond il-Ligi tal-propjeta’ hekk komunament posseduta b’mod illi tali likwidazzjonijiet u divizjonijiet ulterjuri jsiru kontestwalment mal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-gid formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti.

x. tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-konvenuta flimkien mal-imsemmi tfal minuri D u DB , bl-eskluzzjoni tal-attur.

xi. tawtorizza lill-konvenuta illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta’ medjazzjoni, kontra l-attur illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta** ta’ M DG ghall- Kontro-Talba ta’ D DG , fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-esponent jaqbel mal-premessi esposti fil-kontro-talba fil-paragrafi numerati (1), (2) u (3).
2. Illi huwa car ir-ritrattanti ghada qed tbati mill-illuzjonijiet dwar x`wassal ghat-tmiem tar-relazzjoni matrimonjali mal-esponent.
3. Illi il-kontenut tal-paragrafi emumerati (4) u (5) fil-premessi tal-kontro-talba juru distakk krucjali u sintomiku tal-ritrattanti mir-realta’ u mill-verita’, liema distakk kien il-kawza ghaliex il-kroll taz-zwieg tal-kontendenti ma setax jigi rimedjat.
4. Illi r-ritrattanti ssemmi bhala tempistika ta’ meta l-problemi bejn il-konjugi bdew bhala Frar tas sena 2012 meta mietet oht l-attur esponent.

5. Illi konvenjentement ir-ritrattanti tinsa li fil-fatt l-esponent kien iddecieda li jitlaq mid-dar u mill-hajja insopportabbli li ssoggettatu ghaliha ir-ritrttanti, iktar minn sena qabel z-zmien li hija ssemmi. Kien propju dak iz-zmien ghall-ahhar tas-sena 2010, u mhux fis-sena 2012, li din ipperswadiet lill-esponent sabiex jmorru ghand marriage conuseller Philip Vella, il-laqghat mal-counsellor imbaghad bdew ghall-habta tal-ahhar ta' Jannar 2011.
6. Illi dak iz-zmien l-esponent kien accetta li ma jitlaqx mid-dar ghaliex kien qed jidher li wara xi laqghat li saru mal-imsemmi Counsellor martu kienet accettat li kellha bzonn tibdel l-attitudni taghha. L-esponent anke in vista tal-fatt li l-kontendenti ghandhom it-tfal zghar, accetta li jibqa' d-dar. Fil-fatt martu kienet ghamlet sforz ghal xi zmien sabiex tikkorreggi l-imgieba insopportabbli, egoistiku u abusiv taghha. Ir-ritrattanti kienet ammettiet mal-esponentli kellha tort ghall-problemi li inholqu fiz-zwieg u anke baghtet messaggi telefonici dwar dan li jistghu jigu prodotti bhala prova.

7. Illi meta wara sena shiha kien jidher li l-affarijiet kienu marru lura ghal li kienu jew sahansitra aghar, l-esponent ddecieda li jitlaq mid-dar konjugali, izda huwa vera li l-kontendenti regghu marru ghand il-counsellor imsemmi illi kien huwa stess li rrakkomanda li l-esponent jaghmel ftit zmien barra mid-dar matrimionjali, izda l-esponent din id-darba kien deciz li ma setax ikompli bil-hajja tieghu mar-ritrattanti.

8. Illi tenut kont in-nuqqas totali ta' rimors ghall-imgieba taghha anke kif espress f`dawn il-proceduri u t-turija ta' disprezz

kontinwat lejh, l-esponent illum jinsab perswaz iktar minn qabel li ma kellux triq ohra.

9. Illi l-esponent telaq mid-dar biss bi hwejjgu tal-ilbies u ma ha xejn mid-dar ghalih lanqas oggetti prezzjuzi minn wirt, ghodod tieghu jew sistema ta' muzika professjonali u diski li kienu jintuzaw meta kien jahdem ta' disk jockey sa minn qabel iz-zwieg.

10. Illi ir-rirattanti minn mindu l-esponent telaq mid-dar konjugali ghamlet minn kollox sabiex trendi mill-iktar difficli l-access tal-esponent ghal uliedhom apparti li hija hatja ta' avvelenament car tat-tfal fil-konfront tieghu. Dawn saru diversi ilmenti anke bil-miktub lir-rittratanti.

11. Illi assolutament mhux minnu dak allegat fil-konto-talba dwar allegata strategija ekonomika adoperata fil-konfront tar-ritrattanti jew uliedu sabiex jikkostringi lill-ritrattanti f' xi argument inidoneju.

12. Illi l-esponent ghandu dhul ta' circa €14,000 fis-sena minn impjieg ma' societa' li huwa ghandu flimkien ma' terz. Din is-societa ghaddejja minn zmien difficli tant li waqghet lura anke minn obbligi fiskali taghha. Bhala konsegwenza fejn qabel l-esponet gieli anzi regolarment kien jiehu avvanzi fuq is-salarju tieghu jew avvanzi ta' sehmu minn xi profitti antecipati sabiex ilhahhaq mal-ispejjes tal-familja, dan ma baqghax possibbli kif jista' jigi ippruvat.

13. Illi daqstant iehor jista' jigi ppruvat li r-ritrattanti dejjem kellha impjieg tajjeb ma' missierha, u anke fi zmien meta l-esponent ma

kellux impjieg, izda dejjem tefghet il-piz ewlieni tal-infieq tal-familja ta' kull xorta, fuq spallejn l-esponent.

14. Illi l-esponenti kien skopra li r-ritrattanti kellha mohba ta' 'l fuq minn €18,000 go tlett kontijiet bankjari li qatt ma intuzaw sabiex jittaffa xi ftit tal-piz minn fuq dahar l-esponent.

15. Illi llum dawn il-flus ghebu minn fuq isem ir-ritrattanti ghar-ragunijiet mill-iktar palesi.

16. Illi il-komunjoni tal-akkwisti tinsab mghobbija b`dejn li flimkien mal-ispejjes kbar ta' edukazzjoni fi skola privata taz-zewg uliedu u htiegijiet ta' manteniment odjern u ghalihom irrendu l-posizzjoni finanzjarja tal-esponent iktar prekarja milli qatt kienet.

17. Illi fi stadju tal- medjazzjoni, l-esponent ipprovda statement tal-kontijiet bankarji tieghu lill-ritrattanti sabiex din tkun tista' tikkonferma l-posizzjoni finanzjarja tal-esponent.

18. Illi l-esponent fil-passat, kien kostrett ukoll jiddejjen minghand familjari tieghu u jbiegh oggetti personali gejjin minn wirt inkluz dan l-ahhar id-deheb personali tieghu sabiex jlahhaq mal-hlas tad-dejn u mal-ispejjes tal-familja u dan minghajr l-icken kontribut mir-ritrattanti.

19. Illi l-esponent kategorikament jichad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu fil-paragrafi ennumerati (11) u (13) tal-kontro-talba l-esponent jista' facilment jipprova li l-infieq

tieghu minn facilitajiet bankarji kien fil-bicca l-kbira ghall-bzonnijiet tal-familja u ta’ martu.

20. Illi dijametrikament oppost ghal dak li tallega ir-ritrattanti minghajr misthija b`gurament kien biss l-esponent qabel ma nbdew il-proceduri gudizzjarji li ressaq proposta bil-miktub ghal arrangament bonarju kif jigi ampjament ippruvat.

21. Illi id-dar konjugali hija l-assi ewlenija fil-komunjoni tal-akkwisti. Din hija dar kbira u antika li tirrikjedi manutenzjoni kontinwa. Hija dar kbira wisq ghall-familja anke meta l-esponent kien qed jghix hemmhekk. Il-valur ta’ din il-propjeta’ illum jekk tinbiegh tippermetti li jithallas id-dejn kollu tal-partijiet, u li jinxtraw propjetajiet adegwati ghaz-zewg partijiet w uliedhom. B`hekk jittaffa ukoll il-piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti, sabiex b`hekk l-esponenti jkun jista’ komodament jinvesti fl-edukazzjoni ta’ uliedu. Filwaqt li jibqaghlu mezzi bizzejjed sabiex huwa jghix b`mod decenti kif ghandu dritt, anke jekk sfortunatament, separatament mill-familja tieghu.

22. Illi l-esponent ghalhekk jaqbel li ghandha tigi pronunzjata separazzjoni bejn il-kontendenti, izda ghal ragunijiet imputabbli ghar-ritrattanti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia.

Rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semghet il-provi prodotti.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attur kien iltaqa' mal-konvenuta meta kellu 26 sena u hi kellha 17-il sena. Dak iz-zmien kien ghadu kemm gie lura minn programm ta' riabilitazzjoni minhabba li kellu l-vizzju tad-droga. Bdew ir-relazzjoni taghhom fl-1985 u damu gharajjes ghal xi sitt snin meta l-konvenuta bdiet taghmillu l-pressjoni sabiex jizzewwgu u kienu tgharrsu fl-1989.

Kien f'dan iz-zmien li l-partijiet kienu xtraw dar il-Mosta li kienet malandata. Il-valur tad-dar kienet ta' Lm14,900 u l-attur kien hallas Lm5,000 fuq il-kuntratt.[1] Ma setax jikkonferma jekk kienx hallas ukoll Lm3,000 fuq il-konvenju. Minn dakinhar tal-kuntratt kien baqa' jhallas is-self mal-bank u jghid li ghad fadal bilanc ta' €2,000. Skond l-attur id-dar illum ghandha valur ta' cirka €512,600.

Id-dar kienet antika u kellha bzonn hafna xoghol ta' restawr li kien kapaci jaghmlu hu u kien iqatta' hafna hin hemmhekk, anke waqt il-hinijiet tax-xoghol tieghu u xi kultant kien imur ighinu missier il-

[1] Dok. MMB1

konvenuta. Ipprezenta rendikont tal-ispejjez li ghamel hu, il-konvenuta, u anke missierha.[2] B'kollox hu kien hallas is-somma ta' Lm6,846 u kien hallashom qabel iz-zwieg.

Dwar xoghol, l-attur kien jahdem ma' Vassallo Joiners Ltd, kif ukoll bhala DJ fil-Gianpula Nightclub u ilu jahdem bhala DJ fuq bazi regolari ghal dawn l-ahhar sittax-il sena.

Dwar il-konvenuta, ighid li dejjem hadmet u kellha diversi mpjiegi, izda l-ahhar impjieg fejn ilha tahdem sal-gurnata ta' llum hija ma' Crown Advertising Ltd, kumpanija ta' missierha.

Kienu zzewgu f'Gunju, 1992 u sakemm gew it-tfal kienu jghixu hajja pjuttost indipendenti minn xulxin, jahdmu t-tnejn hinijiet pjuttost twal. L-attrici kienet ukoll tahdem bhala beautician filghaxijiet mid-dar xi tlett darbiet fil-gimgha u kellha ukoll il-passatemp tal-*polo*. Kienet anke tiehu sehem f'kompetizzjonijiet ta' *showjumping* u ghalhekk kienet tmur tirkeb iz-zwiemel xi tlett darbiet fil-gimgha.

Minhabba l-hajja mpenjattiva taghhom hassew li ma tantx kellhom hin sabiex jibdew familja u dak iz-zmien kien ghadu ma kienx ihossu finanzjarjament stabbli peress li kien qed ibiddel hafna mpjiegi. Fil-fatt, fl-1994, l-attur mar jahdem ma' GSS Ltd, bhala *marketing manager*.

---

[2] Doks. SPS 1A – Dok. SPS 1B

Kien f'dan iz-zmien, li l-konvenuta tilfet lil huha DR.  li kien miet permezz ta' *overdose* u kienet haditha bil-kbira hafna, tant li halla effett kbir fuqha u fuq ir-relazzjoni bejniethom.

Fl-1995, l-attur sab ruhu minghajr impjieg u wara xi zmien waqqaf negozju ma' certu AB ,  li semmewh Top Drawer Ltd, u jikkonferma li ghadu jahdem mal-istess kumpanija sallum fejn ghandu sehem minnha. Minn dina s-socjeta' jghid li jircievi biss il-paga u xi allowances (Lm1,200 fis-sena) u ma kienx hemm qliegh ghax qatt ma kienu likwidi bizzejjed. Kienu waqqfu jircievu l-allowances fl-2010.

Dwar dina l-kumpanija jghid li m'ghandhiex vetturi u juzaw il-vetturi personali taghhom, il-Volkswagen tieghu u l-*pick up* ta' Bartolo, is-sieheb tieghu.

Ghad-*deliveries* juzaw lil Jason Transport u jekk ma tkunx *delivery* goffa juzaw il-*pick up* u l-Volkswagen juzawha ghall-haddiema u l-ghodda. Il-post minn fejn tigi gestita l-kumpanija, kif ukoll il-haddiema huma koperti bl-assikurazzjoni.

Kien f'dan iz-zmien li l-konvenuta saret taf li kienet tqila u ghall-attur kien xokk kbir peress li kien ghadu kemm waqqaf in-negozju tieghu u ma kienx ghadu finanzjarjament stabbli. Minn hawn bdew iktar pressjonijiet fiz-zwieg taghhom. Kien jitlob l-ghajnuna finanzjarja minghand ommu u anke minghand A B  l-partner tieghu fix-xoghol.

Dawn bdew jizdiedu ukoll ghaliex il-konvenuta ma kinitx tip li thobb tiehu hsieb id-dar u kienet pjuttost ghazziena u meta harget tqila,

iktar kienet dipendenti fuq l-attur u sabiex jevita dizgwid kien jaghmel li kien hemm bzonn.

Il-konvenuta mhux dejjem kienet tkun f'sikkitha meta kienet tqila u kien hemm okkazzjonijiet fejn kellha tigi rikoverata l-isptar. Tul dan iz-zmien kienet thobb titfissed mieghu u tirringrazzjah talli qed jaghmel hafna maghha, Madanakollu, il-konvenuta ghandha karattru difficli hafna, u bit-tqala u anke wara t-twelid tat-tifla, saret iktar intolleranti ghall-icken diffikulta' u d-differenzi bejniethom saru iktar intensivi b'ghajjat, twerziq u theddid minn naha taghha, iktar minn qatt qabel.

Il-konvenuta bdiet issir ukoll ghajjura u tissuspetta li l-attur kellu wicc haddiehor. Dina l-*paranoia* kienet zdiedet, tant li kienet saret intollerabbli. Kien jipprova jikkuntentaha f'kollox, izda kienet tippretendi kollox bi dritt u Alla hares ma jkunx jista' jaqdiha dak il-hin.

Minkejja li kellu relazzjonijiet tajbin mal-familja tal-konvenuta, kienet dejjem trid li l-ahhar kelma tkun ta' missierha u ma kienx ighodd dak li kien jahseb hu. Inoltre, ir-relazzjoni mal-familjari tieghu kienet prattikament inezistenti, tant li anke l-ewwel wild in partikolari lanqas huma qrib tal-kugini taghhom. Kull Milied u kwalsiasi festi kienu dejjem jiccelebrawhom mal-familja tal-konvenuta.

Jispjega li mat-twelid tal-ewwel tarbija D, hajjithom inbiddlet. Il-konvenuta kienet trid lit-tifla torqod bejniethom fis-sodda u kien

jispicca jorqod barra mill-kamra tas-sodda, bil-konsegwenza li r-relazzjonijiet intimi bejniethom ukoll kienu naqsu u s-sitwazzjoni marret ghall-aghar meta twieldet it-tieni tarbija,

L-attur isemmi ukoll li anke finanzjarjament bhala koppja ma kinux maghqudin u dan ghaliex kulma kien jaqla' kien tal-familja, izda ghall-konvenuta dak li kienet taqla' hi kien taghha biss.

Anke wara li twieldet it-tieni tarbija, il-konvenuta baqghet l-istess tahdem u tippretendi li l-attur jiehu hsieb id-dar. Kienu jiggieldu ghaliex kien jipprova jikkuntentaha u jaghmel dak li kien hemm bzonn fid-dar, izda da parti taghha kienet dejjem tgerger u tghajjru ghazzien. Dan kien jigri fuq l-ghamara tad-dar li dejjem riedet tbiddel.

Kien hemm problemi ukoll li l-konvenuta kienet izolatu minn hbiebu ukoll ghaliex kull darba li kienu jistiednuhom, dejjem sabet xi skuza sabiex ma jmorrux, tant li hbiebu waqqfu jistiednuh.

Il-hajja matrimonjali taghhom spiccat hzienet ghall-ahhar. Ma kienu jaghmlu xejn flimkien u wara li twieldet it-tieni tarbija kienu zdiedu l-pizijiet. Kien qed ihallas l-ispejjez kollha u l-kontijiet kollha, hlief ghall-uniformijiet tat-tfal u l-kotba tal-iskola li kienet thallashom il-konvenuta. Minhabba problemi finanzjarji kienu ppruvaw idahhlu lit-tfal fi skola tal-Knisja, izda ma rnexxilhomx, u ghalhekk kienu ftehmu li l-konvenuta thallas nofs l-mizati tal-iskola, haga li qatt m'ghamlet u ghalhekk sabiex ihallas dawn il-mizati gieli kellu jissellef il-flus u

ghalhekk kien ihalli sal-ahhar biex ihallas, anke jekk kien hemm drabi fejn kienu cemplulu mill-iskola.

Lejn it-tmiem tas-sena 2010, l-attur skopra li l-konvenuta kienet hbiet minnu li kellha tlett kontijiet bankarji f'isimha u qatt ma kienet infurmatu bihom. F'wiehed minnhom kien hemm izjed minn €4,000, f'iehor kien hemm €8,000 u l-iehor €4,000. Dwar l-ewwel kont li sab kien infurma lill-konvenuta u dan wassal ghall-argument shih u kienet qaltlu li kienu flus li kienet qed izzomm ghall-missierha.

Irrizulta li kellha kont kurrenti, kif ukoll zewg Term Deposit Accounts. Fit-Term Deposit Accounts irrizulta li kien hemm total ta' €14,420.18 sa Mejju, 2012. Ighid li l-konvenuta kienet taghmel depoziti regolari f'dawn il-kontijiet u fis-sena 2009 kellha depoziti li kienu jammontaw ghal €8,980.[3] Ighid li dawn id-depoziti kienu waqfu f'Novembru, 2010 iz-zmien li sar jaf dwar dawn il-kontijiet.

Jinsisti li ma jistax ikun li omm il-konvenuta kienet fethet il-kont f'isem il-konvenuta, izda jghid li l-kont infetah fil-5 ta' Dicembru, 2007 bi t*ransfer* intern mill-kont kurrenti tal-istess konvenuta bis-somma ta' Lm2,500. Meta mbaghad inghalaq dan il-kont, dawn il-flus li kienu jammontaw ghal €8,823.43 gew trasferiti lill-omm il-konvenuta MF u dan kien fil-11 ta' Mejju, 2012.

Izid ighid li l-istess kien gara bil-flus li kien hemm fit-Term Deposit Account bin-numru 2000062597-5 peress li meta nghalaq dan il-kont, il-flus li kienu jammontaw ghal €4,487 gew trasferiti lil MF fil-

[3] A fol. 366 sa 369 tal-process

11 ta' Mejju, 2012.[4] Jidher car li l-intenzjoni tal-konvenuta kienet li l-flus taghha kienu taghha biss.

Wara dan l-incident bdew jinqalghu incidenti bejniethom sforz il-karattru ezigenti tal-konvenuta. Beda jipprova jibni relazzjoni ma' shabu u l-konvenuta dejjem kienet qed tara x'ser tivvinta biex tirrovinalu kollox, bhal li ccempel in kontinwazzjoni sabiex timbarazzah.

Fl-2011 kien iddecieda li ma setax jissapporti dina l-hajja izjed u kien infurmaha li ried jitlaq mid-dar. Kien ghalhekk li ppruvat tikkonvincih sabiex imorru *counselling* u peress li kien hemm it-tfal fin-nofs iddecieda li jaghmel l-ahhar tentattiv biex isalvaw iz-zwieg taghhom. Kienu marru ghand Philip Vella, counsellor u damu sejrin bejn Jannar u April u kien jidher li l-konvenuta kienet indunat l-izbalji taghha u beda jara xi tibdil fiha. Ghalhekk kien iddecieda li jirritorna lura d-dar, izda l-affarijiet kienu baqghu sew ghal ftit zmien biss.

Ghall-attur, is-sena 2011 kienet sena difficli peress li kellhom ibiddlu l-kcina, ohtu regghet tfaccalha l-kancer, kif ukoll kien iddecieda li jixtri karozza u kien ha self mill-bank ta' €20,000 ghal dan l-iskop u kien hemm ftehim li jhallas dan il-*loan* hu, pero' wara li gie accettat is-self, il-konvenuta bdiet issib l-iskuzi kollha sabiex ma jixtrix il-vettura u spiccaw minflok xtraw hafna affarijiet ohra ghad-dar u baqa' jhallas is-self hu.

---

[4] A fol. 355 tal-process

Fis-sena 2012, ir-relazzjoni bejniethom iddeterjorat sal-livell li ma kienx hemm skop iktar li jibqghu jghixu flimkien, L-attur beda jhossu mdejjaq u beda jixrob sabiex jinsa u spicca li anke sahhtu bdiet tiddeterjora. Kien ghalhekk li kien rega' mar ghand il-counsellor Philip Vella li dina d-darba kien issuggerilu sabiex imur ighix ghand ommu sakemm jirrifletti fuq dak li xtaq jaghmel. Kien ghalhekk li kien telaq mid-dar matrimonjali fis-27 ta' Marzu, 2012. Sadanittant kien anke mar ikellem lil Fr. Godwin Preca fuq insistenza tal-konvenuta li kienet talbitu biex jerga' jmur lura maghha. Hass li kien tard wisq u ma kienx hemm tama ghaz-zwieg taghhom.

Meta telaq l-attur ighid li halla warajh xi oggetti personali li kienu mill-wirt ta' missieru, stereo u l-muzika tieghu. Kien mar id-dar darba minnhom u sab li kien hemm zukkariera nieqsa li kien wirt ta' missieru u l-konvenuta kienet qaltlu li kienet tatha lil missierha bhala garanzija ghall- Lm300 li kien sellifhom missierha.

Jispjega li mill-ammont ta' Lm10,000 li kienet tatu ommu, kien hallas Lm2,900 fuq il-flexicredit li l-konvenuta kellha mal-bank fuq vettura. Kien issellef bejn €1,500 u €2,000 minghand il-habib tieghu, €2,000 minghand ommu u €1,500 minghand M, il-partner tieghu.

Dwar spejjez li kien ihallas, jikkonferma li kien ihallas l-mizati tal-iskola izda kien ikun lura fil-pagamenti. Il-kontijiet tad-dawl u ilma ighid li ma kienx ihallas regolarment ghaliex ma kellux minn fejn. Ighid ukoll li kien jonfoq bejn €500 u €650 fix-xahar fuq ikel u cirka €80 fix-xahar ghand tal-laham. Kienu jghixu *beyond their means* u

ghalhekk ma bediex ilahhaq mal-ispejjez u lanqas mal-mizati tal-iskola.

Jispjega li l-kontijiet tal-*loans* kienu kollha mhallsin, hlief ghall-€326 li kien ikkuntratta f'Dicembru, 2011 sabiex jixtru karozza inizzjalment, izda b'dan is-self spiccaw sabiex hallsu xi djun li kellhom.

Ighid li m'ghandux *credit cards* u ilu ma' jkollu minn Dicembru, 2012 u dan ghaliex kienu ghalqulu l-kontijiet kollha peress li ma kienx qed ihallas il-*loans* li kellu mal-bank. Dwar l-iskejjel ighid li hemm xi arretrati imma jhallashom.

Dwar in-*net asset value* li esebixxa fl-affidavit tieghu jispjega li dan ghamlu u hejjih wara li saqsa lill-awditur Mark Scalpello kif issir. Jispjega li fid-dokument esebit l-ammont ta' €2,176 hija spjegata.[5] Dawn huma *equity* u *reserves* ghas-sena 2015 u hemm l-istock u *works in progress* inkluzi.

In kontro-ezami, rigward is-socjeta' Top Drawer Limited jispjega li dwar il-*works in progress* dina ghadha tinzamm b'isem, bin-natura tax-xoghol u bil-valur u ma jinkludux ordnijiet li ma jkunux ghadhom bdew. Ighid li ma tantx ikollhom ordnijiet u ghalhekk jinzammu billi x-xoghol isir *by quotation* u b'accettazzjoni u depozitu u jikkonferma li mhumiex migbura *f'order book.*

[5] Dok. MG (Y)

Jikkonferma li l-*istock take* jsir minnu u jsir kull sena u l-ahhar li kien ghamilha kien qabel ma gew ipprezentati l-accounts tas-sena 2017, izda saret in konnessjoni ma' dawn l-*accounts*. Biex jahdimha jiehu l-valur tal-istock. Izid ighid ukoll li *control* kontra s-serq il-kumpanija m'ghandhiex sistemi.

Fi kontro-ezami ulterjuri pprezenta ukoll l-audited accounts tas-snin 2015 u 2016.[6]

F'affidavit ulterjuri, l-attur elenka d-diversi spejjez li jhallas ghall-uliedu apparti l-ammont ta' €700 fix-xahar bhala manteniment u sehemhu tal-mizati tal-iskola.[7]

Tul iz-zwieg jammetti ukoll li sabiex ikampa bl-ispejjez li kellu ma kienx jiddependi biss fuq l-introjtu tieghu minn Top Drawer Ltd.

Jilmenta li minhabba l-hin li qed jehodlu l-Qorti qed ikollu problemi mas-sieheb tieghu f'Top Drawer Ltd.

Jinnega li dina s-socjeta' kienet taghmel eluf ta' flus u li kien jiehu d-dar somom ta' flus bejn €20,000 u €25,000 *cash* id-dar.

Izid ighid li skond l-ahhar FS3 tal-konvenuta kellha introjtu ta' €11,420. Ma' dan ghandu jizdied ic-*childrens allowance*, kif ukoll l-ammont ta' €8,400 li jghaddilha u dan iwassal li f'idha jkollha cirka €20,000 fis-sena. Filwaqt li hu jaqla' bejn €750 u €800 fix-xahar u jkampa ghas-semplici raguni li qed ighix gol-appartament ta' ommu

[6] Doks. MGi u MG ii
[7] A fol. 2218 tal-process

minghajr ma jhallas kera, izda ommu u ohtu jridu jbieghu dina l-proprjeta'.

Jinsisti li ghandha tinbiegh id-dar matrimonjali, izda l-konvenuta qed topponi, meta bil-bejgh tista' tixtri appartament vojt li ghandu missierha f'Tas Sliema.

F'xhieda ulterjuri jikkonferma li mill-wirt ta' missieru, ommu kienet tatu xi bicciet tal-ghamara, li kienu bieghu u rcieva €6,000. Kien tah €1,500 lil Dawn biex tixtri karozza, u €1,000 biex tixtri laptop u kellu jaghti xi mizati lill-iskola. Mill-proprjeta' ta' missieru li kien hemm il-Belt jinnega li sehemhu kien ta' €13,000 izda kien bejn €2,000 jew €3,000. Missieru kellu biss 1/12 minn dina l-proprjeta'.

Jikkonferma li llum ir-relazzjoni tieghu ma' M spiccat u fl-ahhar tas-sena 2017 kien mar ighix m'ommu. Meta kien ighix maghha kien jghaddilha bejn €200 u €300 fix-xahar ghall-*utilities* u kienet thallaslu l-passaggi meta jsiefru u jaqsmu l-lukandi.

2. Il-**konvenuta** iltaqghet mal-attur meta kien ghadu kemm gie lura minn programm ta' riabilitazzjoni minn centru tad-droga fl-Italja. Ftit wara li tlaqghet mal-attur kien beda jahdem bhala DJ Gianpula u kien jaghmel iljieli barra u kien anke jixrob, allavolja kienet tkun mieghu. Tichad li kienet tiehu d-droga ukoll kif jallega l-attur, anzi kienet sensittiva ghal dan il-vizzju minhabba li huha kellu problemi.

   Kien hemm differenza kbira bejn ir-relazzjoni mal-familja taghha u l-attur mal-familja tieghu. Ma tantx kellu gibda lejhom. Fil-fatt kellu

relazzjoni ahjar mal-familja taghha li kienu jhobbuh u jikkunsidrawh bhala parti minnhom, specjalment minhabba li kellhom il-problemi ta' huha DRli kien jabbuza mid-droga ukoll.

Tghid li l-attur kien ingibed lejha u kien ighidilha li kienet l-ahjar haga li setghet gratlu ghax maghha ried jissetilja u jibni familja. Tghid ukoll li omm l-attur kienet tistmaghha hafna.

Fl-1989 kien tgharrsu u l-attur ried jizzewweg immedjatament, izda m'accetatx sakemm kien sab impjieg fiss u fil-fatt kienet bidlet il-gurnata tat-tieg taghhom. Bhala rigal omm l-attur kienet tathom zukkariera tal-fidda u minn dejjem kienet fuq l-istonku ghall-attur li ried ibieghha, sakemm missierha kien hallas €815 ghaliha u hadha biss wara li l-attur telaq mid-dar.

Tghid li nannuha kien taghhom Lm3,500 li uzaw fil-post, filwaqt li missierha, apparti li kien hallas ghat-tieg kollu, kien anke taha Lm6,000 sabiex thallas l-ispejjez tal-bini u kien anke xtralha l-*white goods* kollha.

Wara li zzewwgu fl-1992, kienu ghamlu zmien ighixu mal-genituri taghha u dak iz-zmien kienet anke gemmghet sabiex marru ghall-*honeymoon*, ghaliex ghall-attur dan kien hela ta' flus u ghalhekk hallset kollox hi.

F'dan iz-zmien, il-konvenuta tikkonferma li kienet tahdem *full time* mal-kumpanija ta' missierha Crown Advertising Limited. Wara li twieldet D , kienet bdiet tahdem b'sieghat iktar flessibbli, izda missierha kien irrakkomandalha li fuq il-*pay roll* tibqa' tidher bhala

*full-timer* u tibqa' thallas l-bolla regolarment sabiex tkun intitolata ghall-pensjoni. Tghid li qabel kienet taqla cirka €750 fix-xahar, izda issa qed tahdem tlett darbiet f'gimgha peress li l-kumpanija mhix sejra tajjeb. Illum tghid li taqla' €482 fix-xahar. Qabel ma zzewwget kienet ukoll tahdem *part-time* bhala *beautician* u l-flus li kienet taqla' kienu jmorru lejn id-dar jew ghall-*honeymoon.*

Wara li zzewwgu, l-attur qal lill-konvenuta li ma riedx iktar tfal u b'dan ma kinitx kuntenta tant li kienet fethet qalbha ma' missierha. Dispjacir ikbar li kellha f'hajjitha dak iz-zmien kien meta sabu lil huha DR mejjet b'*overdose* u kienet haditha bi kbira hafna. Peress li kienet thobb tilghab il-Polo u kienet anke tikkompeti fis-*show jumping*, missier il-konvenuta, kien xtralha ziemel tal-Polo bl-isem Dilly, apparti iehor li kellha. Tghid li sabiex izzomm dawn iz-zwiemel, missierha kien ighaddilha s-somma ta' €350 fix-xahar u hi kienet tohrog Lm50 fix-xahar.

Minhabba dawn il-passatempi taghha, il-konvenuta tispjega li kienet tghaddi l-hin il-La Valetta Riding Club, izda l-attur ma kienx irid imur u kien jattribwixxi l-fatt li ma kienx ihobb jissocjalizza minhabba l-passat tad-droga.

Il-konvenuta tispjega li omm l-attur kienet tatu self ta' Lm10,000 wara li kienet bieghet villa l-Kappara, Kienet gieghiltu jhallas kuntratt ta' Lm67 fix-xahar, izda l-attur ma kienx qed jonora dawn il-pagamenti u ghalhekk meta ommu kriet hanut li kellhom il-Belt, ma kinitx tat lill-attur sehemhu.

Fl-1997, il-konvenuta kienet harget tqila u ghall-bidu l-attur kien hadha kontriha, izda mbaghad kien naqra empatiku minhabba li kellha tqala difficli u spiccat li kellha tghaddi hafna hin fis-sodda. Kien perjodu fejn kellha tiddependi fuq l-attur u l-familjari taghha, izda peress li l-attur kien ghadu kemm waqqaf is-socjeta' Top Drawer Ltd. Kien iqatta' hafna hin ix-xoghol.

Minkejja li l-attur kien mastrudaxxa tajjeb, wara sitt snin zwieg, darhom ma kinitx armata sew, tant li missierha ma kienx kuntent specjalment li kienet gejja tarbija u kien ghen bl-ghamara u anke xi pitturi sabiex ghamilha dar.

Wara li twieldet it-tifla D , l-attur ma refax ir-responsabbilita' ta' missier. Kien ighaddi hafna hin ix-xoghol u ghalkemm kienet dahlet tahdem meta t-tifla kellha tmien gimghat, Pero', meta D kellha erba' xhur, il-konvenuta kienet ma tiflahx sew u spiccat li bdiet tahdem flexi-hours u minhabba f'hekk il-paga taghha qatt ma zdiedet ghax prattikament kienet qed tahdem erba' sieghat kuljum.

Minhabba li kien hemm perjodu fejn il-konvenuta kellha bzonn traqqad lil D fis-sodda maghhom dan wassal ghal glied bejnha u l-attur, li qatt ma lestielha l-kamra tas-sodda taghha. Kien hemm ukoll problemi tal-*mastitis* li bdiet tbati biha u minhabba l-ugigh kien hemm drabi ma riditx tkun intima mal-attur. Dan wassal sabiex l-attur spicca beda jorqod fuq il-bejt fejn kellu *television* u wara sabet li kien jara il-films pornografici.

Kien fl-2004, meta D kellha sitt snin, missierha kien taha ammont zghir ta' flus sabiex tixtri kamra tas-sodda u kien hallas sabiex

tbajjad dina l-kamra u ghamlilha l-*parquet*. L-attur dam tlett snin biex ilestilha l-gwardarobba.

Fl-2006, l-attur accetta li jkollhom it-tieni tarbija u fl-2007 twieldet DB . Minkejja dan qatt ma kkontribwixxa biex ikollhom seftura jew *babysitter*, tant li spiccat sabiex terga' tohrog tahdem kienet qabdet seftura darbtejn fil-gimgha. Kienet anke uzat mis-*savings* taghha sabiex tirranga d-dar, installat zewg airconditioners, biddlet il-madum tal-kuritur, plus ghamlet xi tibdiliet fil-kcina u *spare toilet.*

Il-konvenuta ttenni ukoll li ghalkemm dejjem kienet tipprova tikkuntenta lill-attur, ma kienx facli ghalihom biex johorgu peress li ma kellhomx *babysitter* u xi kultant, fejn setghu kienu jghinuhom ommha u ohtha.

Madanakollu, l-attur ma kienx ihobb johrog maghhom bhala familja u lanqas ma kien irid imur maghhom il-bahar.

L-istess gara meta l-attur weighed lill-konvenuta li kien ser jaghmel kamra tas-sodda gdida ghal D sabiex DB tiehu taghha u dan qatt m'ghamlu.

Dwar l-edukazzjoni tat-tfal, il-konvenuta tishaq li D kienet dahlet San Anton School u wara li DB kienet waslet fl-eta' li setghet tibda l-iskola kienet marret San Anton ukoll peress li l-attur kien insista li gialadarba n-negozju tieghu kien sejjer tajjeb, xtaq li jiehdu l-istess livell ta' edukazzjoni.

Il-konvenuta ssemmi ukoll kif ghall-habta tas-sena 2009, l-attur u shabu bdew jorganizzaw *boys' nights* kull tlett gimghat u meta darba

organizzawha d-dar indunat li kienu qed ipejjpu l-*marijuana* u bdiet tinkwieta hafna tenut kont tal-fatt li l-attur kellu passat fejn mess mad-droga. Dan wassal ghal hafna inkwiet u argumenti bejniethom.

Issemmi diversi episodji fejn l-attur kien egoist u kien jattendi attivitajiet minghajr ma javzaha jew javzaha l-ahhar minuta u ma tkunx tista' torganizza *babysitting.* F'Lulju, 2010 kienet sabet pakkett c*ondoms* fil-baskett tax-xoghol tal-attur u kien qallha li kien juzahom meta jimmasturba u l-konvenuta tikkonferma li kienet ikkonfrontatu peress li qatt ma kienu juzaw il-kontracettivi.

F'Jannar, 2011, il-konvenuta bdiet thoss li l-attur kien bired minnha, u kienet issuggeriet li jmorru *counselling* u fil-fatt kienu attendew erba' sessjonijiet fejn ippruvaw isibu bilanc bejn li l-attur iqatta' hin ma' shabu, izda kellu jsib hin ukoll biex jippartecipa f'attivitajiet mal-familja. Ghamlu zmien tajjeb hafna, sakemm f'Lulju, 2011 saret taf li l-attur kien ilu li xtara laptop ghal xi xhur qabel ma' qalilhom u li wara rrizulta kien jzommu x-xoghol u minfejn kien jikkomunika ma' mara, li llum hija s-siehba tieghu.

Il-konvenuta tghid li fiz-zwieg kienet xtrat vettura gdida Daihatsu Terios ghall-prezz ta' Lm8,500 u hallsitha parti mill-flus li kienet qalghet mill-impjieg *part-time* taghha, kif ukoll mill-bejgh tal-vettura antika li kellha li kien xtralha missierha.

F'Settembru, 2011, l-attur ried jissellef il-flus mill-Bank sabiex jixtri vettura gdida, izda minkejja li xtaqitu jixtri l-vettura minghand *dealer* tal-karozzi, baqa' jinsisti li jiehdu dan il-*loan* u kien wieghdha li kien ser juza parti mil-*loan* sabiex jikkonverti l-garaxx go salott. Kienet

iffirmat ghal dan is-self, izda l-attur kien rassikuraha li kien ser ikun responsabbilita' tieghu. Immedjatament kien ittrasferixxa dan il-loan fil-kont kurrenti tieghu

Fit-2 ta' April, 2012 kienet sabet zewg ircevuti id-dar tal-kont kurrenti tieghu fejn kien iddeposita l-Flexi Credit Loan fejn kien hemm bilanc ta' €9,773.64 u kien hemm iehor li kellu bilanc ta' €8,393 data gimgha wara li telaq mid-dar.[8]

Tispjega li l-attur kien telaq mid-dar fis-27 ta' Marzu, 2012 u wara insistenza, kien beda jghaddilha s-somma ta' €125 kull gimgha ghaz-zewgt itfal. Kull darba jkollha tfakkar lill-attur sabiex ihallas dan il-manteniment. Tishaq li l-ahhar cekk li kien ghaddielha l-attur kien f'Ottubru, 2012 u l-istess cekk ma setax jissarraf. Qatt ma rega' hallasha dawn il-flus, anzi tkompli tghid li saret taf li mill-11 ta' Ottubru, 2012, l-attur kien abbanduna l-kontijiet bankarji tieghu. Ghalhekk minn Novembru, 2012 beda jhallasha in kontanti u f'Settembru, 2013 kien hallasha b'cekk mahrug minn Top Drawer Ltd fl-ammont ta' €500, minkejja li kien gie ordnat ihallas €700 mill-Qorti.

Tghid li qatt ma hallset loans. Il-*houseloan* kien jammonta ghal €90 fix-xahar u kien ghad fadal bilanc ta' €1,800. Kien hemm *loan* iehor li ttiehed f'Dicembru, 2011 li kien jammonta ghal €19,000 u l-pagamenti fix-xahar jammontaw ghal €320 fix-xahar.

[8] Dok. DDG 3

Tikkonferma li l-attur kien ihallas l-iskejjel u anke l-loans, dawl u ilma u anke Go plc u Melita. Tghid pero' li l-attur ma kienx iridha tiftahlu l-posta u wara li telaq bdiet tiftah il-posta u ndunat li l-attur kien ilu ma jhallas id-dawl u ilma minn 2010. Da parti taghha dejjem hallset il-Bupa li kien jammonta ghal €1,300 u il-*baby bond* tal-Middlesea li kien jammonta ghal €350. Hemm xi problemi b'ghajnejn Debbie u din tinvolvi spiza ta' nuccali gdid darbtejn f'sena. Thallas il-privat bejn €70 u €80 u anke attivitajiet extra-kurrikulari. Il-mizati tal-iskola ma kinux qed jithallsu regolarment u kien hemm arretrati, tant li l-iskola ma ridux ihallu lil Dawn tmur fuq btala mal-iskola diment li l-mizati ma kinux gew saldati. Minn hawn bdew jithallsu regolarment, izda ghad hemm xi bilanc ta' €1800 li ghad irid jithallas,

Dwar l-introjtu tal-attur tghid li mieghu kien ighid li kellu zewg pagi, wahda li tidher u l-ohra le u ghalhekk kien jaqla' cirka €2,500 kull xahar. Kien jircievi anke d-dividends tas-socjeta' Top Drawer Limited peress li kien direttur fiha.

Minn Novembru, 2012, l-attur waqaf ihallas il-*loan* tad-dar u anke l-Flexi Credit Loan minkejja li gie ordnat jaghmel hekk mill-Qorti. Il-Bank HSBC diga' beda proceduri legali fejn wissihom sabiex jaghmlu l-pagamenti li ghandhom b'lura. Minhabba li l-attur ma kienx qed ihallas il-Melita u lanqas it-television, kienu waqfulhom is-servizzi kollha ukoll.

Il-konvenuta ttenni li bdiet tinduna li l-attur ma kienx qed jirreagixxi kif jaghmel issoltu. Kien iqatta' hafna hin fuq it-*telephone* u kien anke beda jdum ix-xoghol. Wara li mietet ohtu fid-9 ta' Frar, 2012, l-attur

kien hadha bi kbira hafna u iktar tbieghed minnha. Ma baqax iktar toleranti fil-konfront taghha u ta' uliedhom. Kienet ippruvat tiehdu *weekend* Venezja, biex forsi jbiddel ftit l-atmosfera, izda rrifjuta dan il-vjagg. Kienet anke saret taf li beda jigdbilha meta qallha li kien ma' shabu l-fabbrika u ma kienx ghax kienet ghaddiet minn hdejn l-istess fabbrika ma kien hemm hadd u dakinhar kien dahal ghal xi l-4 am.

Ftit jiem wara, indunat li malli l-attur dahal id-dar mar jinhasel u bdiet iktar ikollha suspetti li kellu x'jaqsam ma' mara ohra.

Fl-20 ta' Marzu, 2012, l-istess haga kienet grat, l-attur kien gidbilha u kienet indunat li kien hemm mara ohra. Meta kkonfrontatu kien qallha li ser jitlaq mid-dar. Ghalkemm ippruvat tirraguna mieghu, kien telaq. Dakinhar it-tifla Dawn irnexxielha tidhol fl-email account tieghu fejn sabu xi sittin emails li kienu intimi hafna bejn l-attur u dina l-mara u fejn kien iddiskuta maghha diversi affarijiet personali taghha u ta' uliedhom.

Il-konvenuta tispjega li fis-27 ta' Marzu, 2012, l-attur kien telaq mid-dar matrimonjali u kienu marru ghand *counsellor*, izda l-attur kien insista li kien mar biss sabiex il-konvenuta tikkonvinci ruhha li ser jitlaq ghal kollox. Il-konvenuta tammetti  li minn dak iz-zmien kienet iktar konvinta li l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra. Anke jekk kemm il-darba kien qalilha li kien sejjer ighix m'ommha, il-konvenuta tishaq li kienet ratha stramba peress li ma kellux relazzjoni tajba m'ommu u kemm il-darba ghaddiet minn quddiem id-dar t'ommu anke fis-sieghat bikrin ta' filghodu ma kinitx tara l-vettura tieghu hemmhekk.

Il-konvenuta tikkonferma li l-attur qieghed f'relazzjoni u jivvjagga kemm il-darba. Tghid ukoll li anke wara li telaq sa Dicembru, 2012, l-attur xorta baqa' jhallas ghall-ikel u kien itiha l-manteniment fis-somma ta' €125 fil-gimgha.

Tghid li ma kinitx taf li l-attur kien biegh id-deheb tieghu, anzi tghid li meta telaq mid-dar kienet talbitu sabiex ma jnehhix id-deheb tieghu u kienet disposta li tixtrihom minghandu minhabba li t-tifla Dawn xtaqithom, ghaliex fosthom kien hemm l-*engagement ring* u anke c-curkett tat-tieg li kienu kollha rigali minghandha. Kien qal lit-tifla li kien bieghhom, izda ma kienx uza dawn il-flus li kienu jammontaw ghal cirka €1,500 sabiex ihallas il-mizati tal-iskola jew l-ARMS.

Kienet taf li l-attur u hutu kienu bieghu xi pittura u b'sehemu kienu marru Londra sabiex jaraw kuncert.

Tghid ukoll li l-attur kien biegh *tray* tal-fidda, kif ukoll kien hemm zukkariera li kien tah missieru. Kien missierha li kien taha Lm350 ghaz-zukkariera u qallha li setghet thalliha ghandha bhala self. Sa fejn taf l-attur kien uza l-flus biex ihallas xi kont, izda ma kinitx taf ezatt.

Il-konvenuta ttenni li uliedhom hassew hafna n-nuqqas ta' missierhom. Kien hemm zmien fejn Dawn kienet qed titkarrab ma' missierha sabiex imur joqghod maghhom ghal ftit zmien u tramite l-*counsellors* rispettivi hassew li kienet ideja tajba, izda l-attur kien iddecieda li ma riedx imur lura. Dawn tant haditha bil-kbira u kienet distakkat minn ma' missierha. Wara li l-attur kien harighom meta l-konvenuta kellha l-birthday, Dawn regghet talbet lil missierha sabiex

jigi lura d-dar u meta sab skuza li kellu n-nghas u ma marx hassitu li kien ipokrita u minn dakinhar ma kellmitux izjed.

Kien ikollhom hafna dizgwid wara li telaq peress li ma tantx kien jiddedika hin lit-tfal, specjalment lil Debbie peress li kienet zghira. Kien hemm ukoll xi zewg incidenti fejn l-attur kien wera li seta' jsir aggressiv. Il-konvenuta zzid tghid li ghamlet minn kollox sabiex it-tfal jibghu vicin ta' missierhom, izda Dawn ma riditx taf u hassitha traduta minn missierha u rrifjutat li tkellmu.

Tispjega li ghalkemm kienet taf li l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' Michela Spiteri qatt ma kienet semmiet xejn u darba meta kienu marru ghall-*counselling* ghand Fr. Godwin Preca, kienet semmiet dina r-relazzjoni, izda l-attur baqa' jichad, sakemm fl-4 ta' Lulju, 2012, hareg fil-berah li qieghed maghha.

Fis-26 ta' Settembru, 2012, meta t-tfal bdew l-iskola, il-konvenuta ddecidiet li tibda tistieden lill-attur kull nhar ta' Tlieta u Hamis biex jiccenaw flimkien u dina l-ideja bdiet tahdem u anke uliedhom kienu kuntenti b'dan l-arrangjament. Dan l-arrangjament baqa' ghaddej sa Dicembru, 2012.

Wara dan iz-zmien, l-attur beda jinsisti li ghandhom ibieghu d-dar u giet notifikata li l-*loan* tad-dar u l-flexi credit ma kinux qed jinhallsu sa minn Ottubru u li kien hemm pendenti ukoll kontijiet tad-dawl u ilma.

Il-konvenuta tilmenta ukoll li wara li telaq mid-dar kien iktar jaghti importanza lill-siehba tieghu, iktar milli kien lil uliedu, tant li anke lestielha kcina, meta t-tifla kienet ghadha qed tistenna li jaghmlilha

l-kamra tas-sodda. Inoltre, kien qed jivvjagga in kontinwazzjoni ma' dina Michela Spiteri.

Issemmi ukoll li kien dispjacir kbir ghaliha meta kien gabar hwejjgu mid-dar quddiem it-tfal, haga li seta' jaghmel filghodu peress li kien imur id-dar kuljum.

Prezentement, l-attur qed jiltaqa' ma' uliedu biss meta huwa konvenjenti ghalih u ma jaghtix kaz li t-tfal ikollhom x'jistudjaw jew sar il-hin biex imorru jorqdu.

Il-konvenuta tikkonkludi billi tghid li llum l-attur qed ighaddilha €500 fix-xahar bhala manteniment, minlfok €700 kif ordnat mill-Qorti, filwaqt li hu qed ighix hajja komda u jsiefer, il-kwalita' tal-hajja ta' uliedhom iddeterjorat, tant li filwaqt li Dawn kellha tieqaf tattendi diversi attivitajiet extra-kurrikulari, Debbie lanqas biss qatt ma marret ghax ma setghetx thallsilha. Id-dar lanqas biss ghandhom tv, internet jew linja telefonika minhabba li l-attur qatt ma hallas.

Il-konvenuta f'affidavit ultejuri tghid li l-attur kien jaf li s-socjeta' ta' missierha Crown ma kinitx sejra tajjeb, tant li ohtha Doreen u zewgha Brian, kienu telqu milli jahdmu hemmhekk u llum kien baqa' hi u impjegat iehor. Tammetti li missierha kien stqarr maghha li kien halla n-negozju ghaddej minhabba fiha. Madanakollu, il-paga taghha tigi kkunsmata bl-ispejjes li ghandha tat-tfal.

Dwar ir-relazzjoni tal-attur ma' Michela Spiteri tghid li zgur fi Frar, 2012 l-attur kien mar sabiex jehodilha l-qisien tal-kcina u tishaq li l-attur kien mar ighix maghha fi zmien gimgha minn meta telaq mid-dar.

Tghid li llum l-attur ighix hajja billi jsiefer u jiekol f'ristoranti lussuzi.

Spjegat ukoll li minkejja li ommha ma kinitx tahdem mal-kumpanija ta' missierha, kienet tinzel l-ufficju regolarment u tghinhom bil-qadi u anke kienet tiehu hsieb l-affarijiet relatati mal-bank kemm taghha kif ukoll ta' huha, fil-fatt kienu tawha prokura f'dan is-sens.

Minhabba l-fatt li n-negozju ta' Crown ma kienx sejjer daqshekk tajjeb, ommha kienet bieghhet xi ghamara antika li kellha. Fil-fatt kienet bieghhet gradenza Maltija ghall-valur ta' €5,823.43 u kienet talbitha sabiex tiddeposita dawn il-flus fil-kont kurrenti taghha. Ma' dan l-ammont ommha kienet zdiedet ukoll ammont ta' flus li kienet akkwistat minn bejgh ta' pittura li kellha u cioe' s-somma ta' €3,000 u ghalhekk il-bilanc f'dan il-kont tela' ghal €8,823.43.

Izzid tghid ukoll li f'Dicembru, 2007 kienet fethet fixed savings account D&D (ghall-uliedhom) u fih kienet iddepositat Lm500 (€1,164.69) li kien ammont ta' flus li l-genituri taghha kienu tawha ghall-Maghmudija ta' Debbie fil-5 ta' Dicembru, 2007. Kienet zdiedet ukoll €3,000 fuq dan il-kont li kienu gejjin minn flus li kienet gemmghat ghat-tfal, plus xi bonuses li kienet irceviet. Izzid tghid li peress li dawn il-kontijiet kienu fixed savings account l-APS kien

ihalliha tiddeposita l-flus darba fis-sena tul perjodu ta' gimaghatejn kull Dicembru u ghalhekk dejjem ghamlet id-depositi f'dan iz-zmien.

Il-konvenuta tkompli tishaq li kellha twaqqaf diversi attivitajiet extra-kurrikulari ta' Dawn peress li kellha bzonn il-flus sabiex thallas il-privatijiet taghha.

Fi stadju ulterjuri, il-konvenuta pprezentat affidavit ulterjuri fejn spjegat il-finanzi taghhom tul iz-zwieg, flimkien mal-pretensjoni taghha.

Qabel ma zzewwgu fl-1990 kienu xtraw proprjeta' l-Mosta flimkien ghall-valur ta' Lm14,900.[9] Biex iffanzjaw dina l-proprjeta' kienu hadu self ta' Lm6,900 minghand il-Lohombus u self iehor mill-Mid-Med Bank fl-ammont ta' Lm5,000. Nannuha kien tahom il-flus sabiex ihallsu parti mid-depozitu fl-ammont ta' Lm3,500, filwaqt li missierha kien taha donazzjoni fl-ammont ta' Lm6,000. F'Novembru, 1991 missierha kien xtralhom il-*white goods* kollha.

Fl-1996 kienet hallset ghall-*washroom f*il-proprjeta' tal-Mosta ghall-valur ta' Lm2000.

Wara z-zwieg taghhom tishaq li l -attur biddel diversi impjiegi sakemm fl-1997 kien irregistra s-socjeta' Top Drawer Limited flimkien ma' Adrian Bartolo f'ishma ndaqs. Minkejja li dina s-socjeta' twaqqfet fiz-zwieg, tishaq li qatt ma hadet *dividends*.[10]

---

[9] Dok. DD1
[10] Dok. DD2

Izzid tghid li l-attur kien anke ha *overdraft* fl-ammont ta’ Lm10, 000 mill-HSBC Bank Malta plc. u bhala garanzija ipoteka d-dar taghhom minghajr il-kunsens jew il-firma taghha.[11]

Bhala ghamara tghid li hafna minnha kien tahilhom missierha u kien hemm il-kamra tal-pranzu li kienet t’ommha izda kienu sellfuhilhom u kienet ghadha ghandhom sal-gurnata ta’ llum.

L-attur kellu jaghmel il-kcina u dam sitt snin sabiex ilestiha.

Tghid ukoll li fl-1997 kienet xtrat vettura Daihatsu Terrios u ghadha tuzaha sallum u certament m’ghandha l-ebda valur u l-istess l-attur ghandu vettura qadima, izda ghall-habta tas-sajf 2021 kien infurmaha li kien pogga xi depositu fuq karozza,[12]

Il-konvenuta spjegat ukoll li tifla D  illum qiedgha tistudja ghall-tabib u ghalhekk ghadha tghix id-dar u tmantniha.

Il-konvenuta tammetti ukoll li meta t-tfal kienu jattendu l-iskola San Anton, l-attur dejjem kien ihallas il-mizati, sakemm telaq mid-dar u waqaf ihallas.

Tammetti li sakemm l-attur telaq mid-dar kien ihallas cirka €1,985 spejjez f’xahar u b’hekk setghet thallas ghall-attivitajiet extra-kurrikulari ta’ D,  il-privat, kotba u xi hwejjeg. Wara li telaq mid-dar ma setghetx tibqa’ thallsilha ghall-ispejjes tal-pjanu u *tennis* u ghalhekk kellha bi dispjacir twaqqafhomlha. L-attur kien anke waqaf ihallas ghall-privat taghhom.

---

[11] Dok. DD2A

[12] Dok. DD 3

L-attur kien xtara Macbook f'Jannar, 2011 ghall-valur ta' €1,030, izda ma kienx qallilhom u dan probabilment ghaliex kien diga' in kuntatt mas-siehba tieghu M S u bintom kienet sabet diversi emails fejn skambjaw diversi emails intimi.[13]

F'Awissu, 2011, D bdiet tilbes nuccali, filwaqt li DB kellha problema b'ghajnejnha x-xellugija u ghalhekk kien jehtieg li jmorru ghand l-oftalmologu regolarment fejn kellha spiza ta' cirka €450 kull sentejn. D hija ukoll *flat-footed* u kellha bzonn *insoles* kull sentejn li kienu jammontaw ghal valur ta' €140 kull darba.

Dwar il-*loan* li l-attur gieghlha tiffirma qabel ma telaq mid-dar, tghid li l-attur kellu jhallas €407.33 kull xahar u l-konvenuta tikkonferma li qatt m'ghamlet uzu minn dan il-*loan*.

Meta l-attur telaq mid-dar matrimonjali fis-27 ta' Marzu, 2012, ma tantx kellhom xi oggetti ta' valur, ghajr ghal xi fidda li kienu tawha l-genituri taghha u t*ray* tal-fidda li l-attur jinsisti kien rigal ghalih minghand ommu, meta effettivament skond il-konvenuta kien inghata lilhom it-tnejn. L-attur kien qabad u dahal fid-dar meta l-konvenuta ma kinitx hemm u kien ha t-*tray* tal-fidda u ghalkemm ipprova jbieghu ma rnexxilux u rega' qieghed ghand ommu.

Tippreciza ukoll li kienet xtratlu *cygnet ring, tiepin*, u gizirana u brazzuletta ta' Cartier li kienu jiswew cirka €5,000 u l-attur jinsisti li kien bieghhom ghall-valur ta' €1500. Ghalhekk qed tippretendi rifuzjoni ta' dan l-ammont.

---

[13] Doks. DD 5 – DD 6

Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien anke ha xi pitturi, xi rigali li kienet tatu, kif ukoll kien ha xi flus Russi li kienet tatu ommu.

In April 2012, wara argument mal-attur, saret taf li ma kienx qed ihallas il-*loan* tad-dar u kien hemm bilanc ta' €8,393.89.[14] Kienet talbet lill-attur itiha l-flus sabiex taghlaq il-kwistjoni mal-bank, izda m'accettax u fil-fatt l-HSBC kienet baghtet diversi *notices* sabiex il-*loan* jithallas u kienu anke nfurmawha li jekk il-pagament ma jitkomplewx isiru, kienu ser ibieghulhom id-dar.

Bejn l-2010 u 2012, l-attur naqas li jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, spejjes tad-dar, servizzi tal-Go, internet, TV u telephone. Minhabba n-nuqqas ta' hlas, kienu waqfulhom anke l-Melita.

Sussegwentement, il-konvenuta tispjega li l-attur kien mexxa bil-proceduri ta' separazzjoni u peress li l-konvenuta ma kinitx ghamlet l-almu taghha sabiex id-dar matrimonjali tinbiegh mill-ewwel, kien iddecieda li ma jhallax ghall-kontijiet relatati mat-tfal. Kien imbaghad permezz ta' digriet moghti minn dina l-Qorti fit-2 ta' Dicembru, 2013, meta l-attur gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €700 fix-xahar ghaz-zewgt itfal, kif ukoll zewg terzi tal-kontijiet tad-dawl u ilma- u l-pagamenti mensili fuq il-loan mal-HSBC Bank Malta plc. fl-ammont ta' €407.33. Gie ordnat ukoll li jhallas l-ispejjez edukattivi tat-tfal, kif ukoll dawk ancillari.

Madanakollu, tghid li l-attur irrifjuta li jsegwi l-ordni tal-Qorti u ghalhekk qatt ma hallas l-arretrati u baqa' jhallas manteniment fl-

[14] Dok. DD 8

ammont ta' €500 fix-xahar ghaz-zewgt ulied u dan baqa' sejjer hekk ghal 21 xahar, sakemm rega' hareg digriet iehor.

Sadanittant kienu hargu tlett digrieti ohra, sakemm fis-26 ta' Awissu, 2016, gie ordnat ihallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi, HSBC *repayments*, kif ukoll €700 manteniment ghaz-zewgt ulied.

Ghal darb'ohra l-attur injora ghal kollox dawn id-digrieti, hlief ghall-ordni li harget fis-26 ta' Awissu, 2016, fejn il-Qorti laqghet it-talba tieghu sabiex l-mizati tal-iskola jinqassmu fi kwoti ndaqs bejniethom. Kien beda jhallas sehemhu regolarment, izda kien hemm arretrati fl-ammont ta' €5051, li spicca hallashom Dr.Thake u gew rifuzi minn flus li kien taha missierha.[15]

Ma hallasx xejn iktar minn dak li gie ordnat ihallas. B'hekk dan halla lill-konvenuta minghajr alternattiva, ghajr li tirrapportah mal-Pulizija, li spiccaw mexxew kontrih. Dan wassal ghall-patafjun processi, fejn il-konvenuta stenniet sitt snin u nofs sabiex ihallas l-arretrati ta' manteniment u l-mizati tal-iskola. Spiccat li hallset hafna spejjes legali minhabba l-proceduri li kien hemm, tant li qatt ma giet rimborzata ghalihom.[16]

Il-konvenuta ghalhekk qed tippretendi s-segwenti ammonti minghand l-attur u cioe':-

[15] Dok. DD 12A
[16] Dok. DD 9

a. Arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma fl-ammont ta' €8,567.22.[17] Dakinhar li l-attur kien qed jirriskja li jispicca l-habs kien hallasha €2,610;
b. Arretrati fil-hlasijiet lejn l-HSBC Bank plc. fl-ammont ta' €13,441.89 u bid-digriet tas-26 ta' Awissu, 2016, dawn il-flus kellhom jithallsu bi kwoti ndaqs. Il-bilanc ta' €23,362 thallas minn missierha u di piu' missierha gie surrogat fl-interessi tal-bank li sat-18 ta' Mejju, 2022 kienu jammontaw ghal €2,760.[18]
c. Arretrati fil-mizati tal-iskola - €4,346[19]
d. Arretrati fuq spejjez ancillari ghall-edukazzjoni (stationery u kotba) - €6,133.52[20];
e. Arretrati fuq l-mizati tal-privat u spejjes extra marbuta mal-iskola - €5,894.02[21];
f. Arretrati tat-taxxa fl-ammont ta' €3,173 u l-konvenuta tippretendi li ghandha tiehu nofs dan l-ammont ghaliex kien uzahom biss l-attur;[22]
g. Arretrati ta' manteniment - €2,325[23];
h. Taxxa tal-kawza Kostituzzjonali 16/17 LM - €2,880.29[24]

Ghall-konvenuta l-kumpanija Top Drawer Ltd. ghandha net worth ta' ftit anqas minn miljun u ghalhekk sehem l-attur huwa ta' €500,000.

[17] Doks. DD 10
[18] Dok. DD 11
[19] Doks. DD 12 – DD 12B
[20] Dok. DD 13
[21] Dok. DD 14
[22] Dok., DD 15
[23] Dok. DD 16
[24] Dok. DD 9

Saret taf ukoll recentement li l-attur kien biegh proprjeta' tal-familja tieghu u sehemhu kien jammonta ghal €12,916.67[25] u ghalhekk mhux gustifikat li ma hallasx li kellu jhallas ghax ma kienx finanzjarjament stabbli.

Mis-sena 2016, missierha baqa' jghinha sabiex thallas il-mizati tal-iskola tal-minuri, izda meta faqqghet il-pandemija ma kellux l-inrojtu li kellu sabiex ighinha.

Illum il-konvenuta tghid li l-attur qed ihallas biss €350 bhala manteniment ghall-minuri DB u nofs l-ispejje ta' Stagecoach, izda recentment beda jopponi li jhallashom. Ma kienx lanqas hallas il-mizati tal-ahhar term tal-iskola li tispicca f'Gunju, 2022. Il-konvenuta zzid tghid li dan l-ammont mhuwiex sufficenti meta tikkalkola li tonfoq cirka €900 fix-xahar.[26]

Apparti minn hekk tinsisti li l-ispejjes l-ohra tal-privat u tal-kant u Stagecoach qed ikollha thallashom hi, izda li skond id-digriet tal-Qorti ghandu jhallashom l-attur. Minhabba f'hekk qed ikollha tirrikorri ghall-ghajnuna minghand ohtha DO.

L-istess kienet ghenitha sabiex thallas il-mizati tal-iskola ta' DB bejn Settembru, 2021 sa Gunju, 2022 u ghalhekk ghad trid tirrifondilha dawn il-flus.

---

[2525] Dok. DD 18

[26] Ara affidavit a fol. 2277

Izzid tghid li l-attur ser jircievi pensjoni ta' €900 mill-25 ta' Dicembru, 2021.[27]

Fl-ahhar il-konvenuta telenka l-pretenzjonijiet taghha bhala s-segwenti:-

a. €11,173.90 – spejjez parafernali li harget fuq id-dar matrimonjali;
b. €5,000 mobbli personali taghha li l-attur ha mid-dar matrimonjali;
c. €70,907.59 – arretrati li gie ordnat ihallas l-attur u li qatt ma hallas;
d. €250,000 – ishma u frott mis-socjeta' Top Drawer Limited.

3. **Audrey Ghigo**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kien hemm tlett kontijiet fuq l-attur,[28] tnejn fuq il-konvenuta[29] u xi kontijiet ulterjuri.[30]

   Kien hemm ukoll xi credit cards.[31] Ikkonfermat ukoll li l-kont HSBC 11 gie kkreditat bis-somma ta' €18,900 misluf mill-kont HSBC 3.

   Ikkonfermat ukoll li kien hemm flus li gew trasferiti mil-*loan account* 061176681340 fit-28 ta' Mejju, 2013 u kien infetah sabiex jithallas id-dejn tal-Visa. Il-loan kien fl-isem tal-attur.

4. **David Galea**, in rapprezentanza tal-APS Bank Ltd ikkonferma li rrizultawlu tlett kontijiet f'isem il-konvenuta, wiehed ghadu miftuh[32] u tnejn ohra li huma maghluqin.[33]

---

[27] Dok. DD 21
[28] Doks. HSBC 11, 12, 13
[29] Doks. HSBC 1 u 2
[30] Doks. HSBC 3-HSBC 10
[31] Doks. HSBC (i) u HSBC (ii)
[32] Doks. APS 1
[33] Doks. APS 2 – APS 3

5. **MF** omm il-konvenuta ikkonfermat li kien hemm il-firma taghha fuq id-dokument muri lilha.[34] Tghid li kienet taf li fl-2012, il-business kien beda sejjer lura u gibdet dawn il-flus u kkonfermat ukoll li hi kienet kitbet dina d-dokumentazzjoni.

6. **Adrian Bartolo**, in rapprezentanza tas-socjeta' Top Drawer Limited ikkonferma li bhala ingenji l-kumpanija kellha erba' magni, caghna, bandsow u zewg panel saws u l-kumplament huma ghodda tal-idejn.

   Ikkonferma ukoll li huwa shareholder b'sehem ta' 50% u direttur , filwaqt li l-azzjonist l-iehor huwa l-attur. Izzid ighid li bhala impjegati b'kollox inkluz huma hemm hamsa u bhala paga jircievu bejn 700 u 1000 Euros fix-xahar, filwaqt li hu u l-attur jircievu €1011 u €1032 rispettivament u dawn huma netti.

   Ikkonferma ukoll li l-kumpanija m'ghandhiex vetturi, izda jaghmlu uzu minn zewg vetturi, wahda li ggib numru ta' registrazzjoni DAT 254 irregistrata fuq l-attur u l-ohra li huwa vann li jgib numru ta' registrazzjoni EBB 813 irregistrata fuqu. Dwar facilitajiet bankarji hemm kont wiehed u hemm facilita' overdraft fejn hemm bilanc ta' €23,000. Izid ighid li bhala materjal jixtru minghand Paul & Mercieca, Peter Camilleri & Sons u Bugeja Bros. Bhala xoghol jispiccaw fit-3.30 pm u hadd ma jahdem overtime.
   Ipprezenta ukoll diversi dokumenti li juri l-*income tax returns* bejn is-snin 2007 u 2012, *sanction letter,* kontijiet tad-dawl u ilma.[35]

[34] Dok. X
[35] Doks. 1 – 5

Ipprezenta ukoll il-*payroll* tal-impjegati tal-kumpanija u d-debituri tal-kumpanija.[36]

Ighid li bhala prattika jzommu d-dettalji tax-xogholijiet li jkunu ghamel. Mhux dejjem jaghmlu kuntratt izda jaghmluh biss fil-kaz ta' hbieb, il-bqija jmorru fuq il-post ikejlu u johorgu stima u jekk jaqbel il-klijent johorgu l-ordni. Drabi tigi ffirmata l-istima u gieli le. Izid ighid li ma jzommux id-dokumenti minn qabel l-2009. Id-decizjoni jekk jizbarazzawx dawn id-dokumenti hija tieghu.

Ipprezenta diversi *invoices* li generalment jinhargu xahar wara li jkun sar ix-xoghol.[37] L-ordnijiet jiehu hsiebhom l-attur.

Iktar tard ipprezenta ukoll l-*quotations* li jaghmlu referenza ghalihom l-*invoices* diga' pprezentati.[38]

Jispjega illi meta ssir ordni jsiru hlasijiet akkont, dawn jigu ddepozitati fil-kont bankarju tal-kumpanija. Fil-kotba tal-kumpanija jidhol il-pagament kif il-klijent jaghtihom pagament *on account* u l-*accountant* idahhalhom fil-kotba tal-kumpanija. Pero' jekk somma ma tkunx "banked" ma tidholx fil-kontijiet tal-kumpanija, izda kull somma tigi ddepositata fil-bank. Ighid ukoll li *receipt book* ta' depoziti m'ghandhomx u fl-ahhar meta jithallas il-kont kollu nohorgu VAT receipt.

Il-*ledger* jaghmlu l-accountant u li huwa diga' esebit u biex jaghmlu jiehu l-*invoices* minghandi u jaqbel li jidhlu fil-*ledger* wara li johorgu l-*invoices.*

[36] Doks. AB (i) u AB (ii)
[37] Doks. TF1 – TP11
[38] Doks. A1 – A14

Jikonferma li l-accountant hu CMP services Limited u darba fis-sena jmur l-awditur Marco Scalpello biex jiffirmaw l-*audited accounts* u jithallas. Kontrol tal-istock jaghmlu l-accountant. Ktieb ta' *works in progress* m'ghandhomx. Biex jaghmlu l-*istock control* ighid li jaghti l-karti lill-accoutants u cioe' l-invoices tas-suppliers, kontijiet, hlasijiet u kollox li ghandu x'jaqsam dwar xogholijiet bankarji.

7. **Philip Vella**, *social worker* fl-Agenzija Caritas stqarr li l-partijiet kienu talbuhom sabiex jaghmlu *counselling* u dan kien ghall-habta ta' Jannar, 2011 u kienu attendew xi erba' sessions ghax ma kellhomx bzonn iktar. Kienu hadmu fuq id-diffikultajiet li kellhom fiz-zwieg. Kienu issuggerilhom li wiehed minnhom jitlaq mid-dar u jaghmel perjodu ta' riflessjoni. Kien telaq l-attur u ma regax mar lura d-dar.

   Il-problemi iktar kienu relatati man-nuqqas ta' kooperazzjoni u anke dwar it-tqassim tar-responsabbilitajiet taghhom.

8. **Reuben Bonnici**, in rapprezentanza ta' ARMS xehed dwar kontijiet tad-dawl u ilma fuq il-fond 19, Triq San Anton Abbati, Sqaq Numru 4, Mosta, li kienu f'isem l-attur u l-bilanc kien ta' €3,296.95.[39]

   Ipprezenta ukoll rendikont tal-pagamenti li qed isiru mill-konvenuta u dan seta' jikkonferma peress li jzommu rendikont ta' min qed jaghmel il-pagamenti.[40]

[39] Doks. ARMS 1 u ARMS 2
[40] Dok. ARMS 3

F' Lulju, 2012 kien sar *payment plan* li kien iffirmah l-attur.[41] Kien hemm diversi emails ukoll li saru bejn l-avukat tal-ARMS Dr. Alexia Farrugia Zrinzo u Dr. Robert Thake.[42] Kien hemm korrispondenza ohra li saret ma' Dr. Stephen Thake.[43]

Ipprezenta ukoll diversi dokumenti li huma kontijiet ta' utilitajiet fil-post minn fejn topera s-socjeta' Top Drawer Ltd.[44]

9. **Edward Mizzi**, in rapprezentanza ta' Recoveries HSBC (Malta) plc. ighid li dwar il-Flexicredit saret bl-*internet banking* u jaqbel li l-applikant hu indikat bhala M u DDG u fuq is-*sanction letter* jirrizulta li hemm zewg firem, liema firem saru fil-1 ta' Dicembru, 2011.[45]

   Ikkonferma ukoll li kien hemm zewg home loans[46] kif ukoll informazzjoni dwar l-*advance card*[47] u l-*flexicredit*.[48]

   Izid ighid li kien hemm *chasers* mill-bank peress li ma kinux qed isiru pagamenti.[49]

   Xehed ukoll dwar *sanction letters* li hargu fuq il-*home loan*, kif ukoll fuq l-advance credit card u l-CIR return tal-partijiet.[50]

10. **Cecilia Bezzina**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kienet taf lill-partijiet ghaliex kienu marru ghandha

[41] Doks. ARMS 4
[42] Doks ARMS 5 U ARMS 6
[43] Doks ARMS 8 u ARMS 9
[44] Doks. ARMS (i) – ARMS (v)
[45] Doks. HSBC 15
[46] Doks. HSBC R (1) – HSBC R (2)
[47] Dok. HSBC R (3)
[48] Dok. HSBC R (4)
[49] Doks. HSBC R (5) – HSBC R (8)
[50] Doks. HSBC R (9) – HSBC R (14)

sabiex jiehdu self sabiex jakkwistaw karozza u kkonfermat il-firma taghha.[51] Ma setghetx tikkonferma ghal min kienet qed tinxtara l-vettura.

11. **Paul Camilleri**, accountant u direttur tas-socjeta' CMP Services Limited fil-kapacita' tieghu ta' accountants tas-socjeta' Top Drawer Limited. Bhala accountants ikkonferma li jaghmlu l-accounts, jippreparaw il-pagi u jaghmlu l-VAT returns, pero' ma jaghmlux l-*auditing.*

Sabiex ihejju dawn l-accounts, jahdmu fuq l-informazzjoni li tghaddilhom is-socjeta' u jivverifikaw li dak li qed tghid is-socjeta' jaghmilx sens. Is-socjeta' ukoll taghtih informazzjoni dwar *works in progress* u jaghtihomlha in forma ta' lista u tghaddilu ukoll informazzjoni dwar klijenti u xoghol li ghadu *in progress* u valur. Ordnijiet mhux mibdija ma jfissirx ordnijiet li ghadhom ma bdewx u ordni li thallas deposit u xoghol li ghadu ma bediex, dak jaqa' taht *deposit* u mhux ai fini ta' *stock control*.

Izid ighid li jekk il-klijent itih lista ta' xogholijiet li ghadhom ma bdewx u rcieva deposit fuqhom, jisseparahom ai fini tal-*accounts*.

Dwar rikonciljazzjonijiet dwar valur ta' *stock* ighid li wara li jaraw c-cifra li jghaddilu l-klijent tal-*istock*, idahhluh fl-*accounts* biex jaraw x'rizultat ser johrog u li huwa fil-parametri ta' kumpaniji simili u ma jkollhomx ghalfejn jaghmlu xi haga ohra, ghajr li jehtieg li jkun hemm il-verifika tal-awditur.

Izid ighid li ma jaghtux *advisory services* lill-kumpanija, joffru biss servizzi ta' *accountancy u payroll*.

[51] Dok. HSBC (x)

Dwar id-depoziti li jaghtu l-klijenti fuq xoghol li ma jkunx ghadu lest, jigu ddepositati. Jispjega li jircievi l-istatements tal-bank tal-kumpanija minghand l-istess kumpanija u dan issir darba fis-sena. Jinzammu ukoll separatament mid-dhul tal-kumpanija.

Meta l-klijent ikun hallas l-ammont kollu dovut ghax-xoghol lest u l-*invoice* finali jkun inhareg, jivverifikaw mal-lista ta' qabel u jivverifikaw l-ismijiet tan-nies li jkunu taw depozitu. Ma jivverifikawx izda jekk dina l-persuna tkunx tnehhiet minn fuq il-lista ghax huwa xoghol l-awditur.

Izzid ighid li ma jarax il-kuntratti tax-xoghol li jsiru mal-klijenti, izda huwa xoghol l-awditur li jiccekkja l-kuntratti.

Jishaq li ma jafx jekk jezistix ktieb tal-ircevuti jew le, qatt ma rah, izda qatt ma kien talab ghalih.

12. **David Galea**, in rapprezentanza tal-APS Bank Limited ikkonferma li f'isem l-konvenuta rrizultawlu tlett kontijiet bankari, tnejn minnhom maghluqin u dawn kienu *fixed term deposit*, fejn kien hemm bilanci ta' €8,800 u €4,500 rispettivament. Dawn inghalqu fl-istess gurnata u l-flus ma jirrizultax li regghu gew iddepositati. Il-kont l-iehor ghadu attiv u huwa kont kurrenti u ghandu bilanc ta' €2,975.[52]

Ikkonferma ukoll li l-ewwel *fixed term deposit* kien infetah fil-5 ta' Dicembru, 2007 u kellu l-ewwel depozitu ta' Lm2500 li gew trasferiti mill-kont kurrenti 20000257126 u kien kont mizmum f'isem il-konvenuta.

Dwar zbank li sar mill-kont kurrenti fl-ammont ta' €6000 u z-zewg depoziti li saru ta' €3000 kull wiehed ighid li s-€6000 gew debitati

[52] Doks. APS 1 – APS 3

mill-kont kurrenti u gew ittrasferiti €3000 fl-ewwel *term deposit* (20000625964) u €3000 fit-*term deposit* l-iehor (20000625975).

13. **Dr. MS** s-siehba tal-attur tirribatti l-allegazzjonijiet li ghamlet il-konvenuta fil-konfront taghha. DB ghandha relazzjoni tajba maghha u hija l-konvenuta li tinsulentaha u takkuzaha b'affarijiet inveritieri.

Izzid tghid li r-relazzjoni taghha mal-attur ma bdietx qabel Mejju, Gunju, 2012.

Tinnega li kemm hi, flimkien mal-attur kienu jivvjaggaw hafna flimkien, Tghid li ma maritx fuq il-*cruise* mieghu, izda mal-familja taghha. Tghid ukoll li hafna drabi ssiefer minghajr l-attur, ghaliex m'ghandux il-finanzi sabiex ihallas.

Tikkonferma li l-attur ighix maghha u jikkontribwixxi lejn ftit mill-ispejjes, Tghid ukoll li kienet bieghhet xi deheb ghall-attur mal-Gram Jewellers ghall-valur ta' €1,000.

Dwar ic-crieket li semmiet il-konvenuta tghid li dawn kienu d-dar ghandha, izda nsterqu, meta kienu dahhlulha fl-appartament taghha u kienu serqu l-giolleria u dan kien fl-2014.

14. **Dr. Joe Gauci**, bhala Kap tal-Iskola San Anton ikkonferma li Dawn kienet tattendi l-iskola msemmija bejn is-snin 2002 u 2014. DB bdiet fl-2010 u fil-mori tal-kawza kienet ghadha qed tattendi l-istess skola. Ighid li z-zewgt itfal huma studenti intelligenti hafna u jmorru tajjeb fl-iskola.

Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar l-mizati li thallsu u min hallashom.[53]

15. **Mark Scalpello**, awditur tal-kumpanija Top Drawer Ltd. Ipprezenta l-audit/financial statements tas-sena 2013.[54] Spjega li xogholu hu li darba fis-sena jiltaqa' mal-klijent u jigbor l-*everyday accounting* li jkunu lesti u imbaghad jibdew l-auditing. CMP Services jibghatulhom l-*accounts* tal-kumpanija. Jekk jirrizulta li kollox jaghmel sens johrog l-*audit report* u hekk ghamel ghas-sena 2013 u hareg l-*audit report*.

Spjega ukoll li informazzjoni dwar depoziti li saru u l-VAT jakkwistahom mill-Bank. Jitolbu lill-kumpanija l-lista tad-debituri u kredituri u jarahom jekk jirrizultawx il-flus li tghid li gabret.

L-informazzjoni dwar *works in progress* jakkwistawhom mill-kumpanija u fis-sena 2012 ix-xogholijiet kienu jammontaw ghall-€46, 432 u fis-sena 2013 kienu €44, 630. Dawn flimkien jiffurmaw l-i*stock* ghaliex il-materjal ikun diga' nxtara.

Bhala *fixed assets* ighid li hemm l-ingenji b'valur ta' €30, 000. Illum huma *written off* peress li jiswew €4000. Jekk ingabux ingenji godda ma jkunux jafu bihom.

Izid ighid li ma kienx gie mitlub jaghmel valutazzjoni tas-*shares*. Izomm kopja tat-*trial balance*, kif ukoll kopji tal-FS3's u FS 5's.

[53] Doks. JG1 – JG 4
[54] Doks. MS (1)

Xogholu jinvolvi ukoll li jara l-*money movements* u li jiccekja t-turnovers li huwa l-*potential cash* tal-kumpanija, plus l-*opening debtors* tas-sena ta' qabel less dawk li ghadhom ma thallsux fit-*turnover* ta' dik is-sena.

F'xogholu li jinteressah huwa li l-ammont li hemm gon-*nominal ledger* taht pagi jkun jaqbel mal-ammonti ddikjarati fuq l-FS5 u FS 7. Ighid li hu joqghod fuq in-*nominal ledger* u ma jarax il-ktieb li jzomm il-klijent bhala *nominal ledger.*

Jikkonferma ukoll li l-pagi tad-diretturi FS3 fl-accounts jidhlu mas-salarji u jinsabu fl-FS's rispettivi taghhom, fl-FS5's u l-*audited accounts.*

16. **Andrew Camilleri**, fil-kapacita' tieghu ta' Assistant Manager mal-Kumpanija Atlas Insurance pprezenta l-proposta originali ghall-polza ta' assikurazzjoni tas-socjeta' Top Drawer Limited, kif ukoll il-*basis of terms policy* u l-polza per se li wassal ghall-polza numru 650020-241-00.[55]

Ighid li l-polza bdiet topera mis-27 ta' Novembru, 2006 u l-*business* huwa ta' mastrudaxxa. Kienu biddlu l-indirizz pero' l-*policies d*ejjem kellhom tlett tipi ta' kopertura.

B'referenza ghall-Item 1 *on buildings*, ighid li l-valur moghti ta' €120, 000 ikun jirrapprezenta r-*rebuilding value* tal-proprjeta' minn fejn qed jahdmu u jekk ikun hemm hsara li l-assikurat jista' jaghmel lill-proprjeta' mikrija lilu tkun rizarcita taht dan il-kap tal-polza u mhux taht *public liability*.

[55] Dok.X

Ikkonferma ukoll li meta nharget il-polza fis-sena 2006, ir-*rebuilding value* kien ta' Lm10, 000.

17. **ML** ighid li ilu jaf lill-attur u fis-sena 2009 kienu qed jahdmu fuq xi progetti tal-injam u kienu jiltaqghu ta' spiss il-fabbrika jew fuq il-post.

Jammetti li l-attur kien fetah qalbu mieghu li kellu problemi maritali u kienu qed imorru ghall-*counselling* u dan kien ghall-habta tal-ahhar tas-sena 2010, sakemm fis-sena 2011 kien jidher li r-relazzjoni taghhom tjiebet. Fl-2012, pero' kien qallu li l-affarijiet bejniethom kienu qalbu ghall-aghar u ddecieda li ser jitlaqha.

18. **LZ** , oht l-attur tammetti li huha kien jiftah qalbu maghha dwar il-problemi fiz-zwieg. Fl-2010 kienu ghaddejjin minn perjodu hazin u l-partijiet kienu qed imorru ghall-*counselling*. Tghid li huha kien ghamel minn kollox sabiex izomm il-familja maghquda. Kien jiehu hsieb hafna mill-faccendi fid-dar u anke jwassal lit-tfal.

Tikkonferma ukoll li fl-2012 l-attur kien mar ikellimha u qallha li r-relazzjoni mal-konvenuta kienet aghar minn meta kienu jmorru *counselling* u ddecieda li kien ser jitlaqha.

19. **Romina Grixti**, Relationship Manager HSBC Malta plc. tikkonferma li kien inghata self lis-socjeta' Top Drawer Limited u

pprezentat is-*sanction letter* li nharget, kif ukoll id-diversi ipoteki generali u specjali li kien hemm.[56]

Tikkonferma li l-ammont huwa ta' €22, 647.

Kien hemm ukoll diversi ipoteki specjali ghall-ammont ta' €23 294. Kien hemm ukoll plegg fuq polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-proprjeta'. Illum il-bilanc dovut huwa ta' €11, 798 fuq l-*overdraft,* pero' l-limit huwa ta' €23,000.

20. **M F** omm il-konvenuta, tikkonferma l-verzjoni tal-konvenuta li kienu hallsulha t-tieg, kienu tawha Lm6,000 sabiex taghmel ix-xogholijiet strutturali li kien hemm bzonn fid-dar tal-Mosta li kienu xtraw il-partijiet. Izid tghid li missierha JD, kien tah lill-konvenuta s-somma ta' Lm3,500. Huma kienu xtraw l-*white goods* kollha li kellhom bzonn u tikkonferma ukoll li tul iz-zmien kienu xtraw ammont konsiderevoli ta' ghamara ghad-dar matrimonjali taghhom u kienu tawhomlha bhala rigal.

Sabiex ighinu lill-konvenuta tiddekora d-dar kienu tawha ammont ta' fidda u r-ragel taghha kien anke sellfilha xi pitturi biex tarma d-dar.

Maz-zmien kienu anke sellfuhom il-kamra tal-pranzu taghhom bl-intendiment li l-attur, kien ser jahdem wahda, izda dan qatt ma sehh u dina l-ghamara ghadha hemm sallum. Izzid tghid li l-istess kien ghamel l-attur meta wieghed lill-konvenuta li kien ser jahdem kamra tas-sodda ghal D izda sa meta kellha sitt snin kulma kien ghamel kienu sodda u gwardarobba. Kien ghalhekk li zewgha kien iddecieda li jarmalha l-kamra u kien xtara u wahhal il-parquet fil-

[56] Doks. RG 1

kamra u kien anke zebaghha u wahhal il-wallpaper. L-istess kien ghamel ghal kamra tal-banju.

Peress li kienu jiffrekwentaw id-dar tal-partijiet regolarment u dejjem tawhom daqqa t'id kienet tinduna li l-attur ma kien jaghmel xejn hlief forsi jsajjar, jixrob u jpejjep.

Tghid li hi u r-ragel kienu jinkwietaw ghaliex kienu jaraw li l-attur ma tantx kien iqatta' hin mal-familja, izda minkejja dan ma kinux ighidu lill-konvenuta u meta fl-ahhar iddecidew li jigbdulha l-attenzjoni kienet tiddefendih. Kien ghalhekk li ddecidew li jehduhom *cruise* maghhom u tul il-*cruise, l*-attur kien jiftahar li l-*business* tal-injam kien sejjer tajjeb u kien qed jaghmel hafna flus.

Izzid tghid li hi kienet tiehu hsieb il-finanzi ta' uliedha u kienet tiehu hsieb li taghmilhom id-*deposits* u anke l-*withdrawals* u fil-fatt kellha prokura f'dan is-sens. Tghid ukoll li l-istess ghamlet meta kienet inkuraggiet lill-konvenuta sabiex tiftah kont mal-APS. Kien ghalhekk meta fl-2008 hi u zewgha kienu bieghu pittura u xi mobbli li kienu talbu lill-konvenuta sabiex jiddepositaw il-flus li kienu qalghu f'dan il-kont sabiex jevitaw li jonfquhom. Wara li l-attur telaq mid-dar kienu talbu lill-konvenuta sabiex tigbdilhom dawn il-flus mill-kont taghha.

Kien car li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ma kinitx miexja tajjeb u dan meta minkejja li l-konvenuta kienet tkun ma tiflahx spiss, l-attur kien icemplilha u malli tasal hi johrog. L-istess kien ghamel meta DB  kienet ma tiflahx u kellha *pneumonia*, xorta mar Ghawdex u baqa' hemm ghal jumejn.

Tghid ukoll li kellha s-suspetti li l-attur kien qiegħed f'relazzjoni ma' mara oħra u dan wara fil-Milied tas-sena 2011, kien qatta' l-gurnata shiha fuq il-*mobile*.

21. **B C ,** mizzewweg lil oht il-konvenuta jghid li ghalkemm kellu relazzjoni tajba mal-attur lanqas biss kien qallu xejn bil-problemi li kellu u kien ha xokk kbir meta sar jaf li l-attur kien qabad u telaq mid-dar.

Kien konvint li kien hemm raguni u ghalhekk iddecieda li jaghmel xi tfittxija hu u s-suspetti tieghu kienu fondati meta rrizultalu li l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' MS u kien mar ighix maghha.

22. **DC ,** oht il-konvenuta tikkonferma li ghalkemm ghamlet zmien tahdem bhala accountant fil-kumpanija ta' missierha Crown Advertising Ltd f'xi zmien din il-kumpanija ma kinitx sejra tajjeb u kien ghalhekk li kellhom inaqqsu l-impjegati u hi ukoll kienet waqfet tahdem hemm, flimkien ma' zewgha.

Il-konvenuta kienet baqghet tahdem hemm peress li kellha *flexible hours* u kella paga minima.

Tishaq li sakemm l-attur telaq mid-dar ma kinitx tissuspetta li kien hemm problemi, pero' l-ewwel darba li bdiet tithasseb kien meta ohtha l-konvenuta kienet qaltilha li kienet sabet il-*condoms* fil-baskett tal-attur, meta huma ma kinux juzawhom fir-relazzjonijiet intimi taghhom.

Tikkonferma ukoll li l-attur ma kienx iqatta' hafna hin mal-familja tieghu.

23. **Doreen Cunningham**, Recoveries Agent mal-HSBC Malta plc. ipprezentat statements dwar xi kontijiet bankarji.[57]

Izzid tghid li sas-7 ta' Settembru, 2016 is-somma dovuta lill-Bank mill-partijiet kienet bhala kapital €3,049.95 u imghax €463.28 u l-ahhar entrata kienet fit-13 ta' Mejju, 2019 li kien jammonta ghal €2,145.35 kapital u imghax €397.04, Fis-sena 2012 l-imghax kien zero.[58]

L-ahhar entrata kienet fl-1 ta' Awissu, 2013, fejn il-kapital kien €16,686 u imghax €961.40.[59]

Tikkonferma ukoll li mir-ricerka li ghamlet kien hemm kont kurrenti f'isem l-attur.[60] Ipprezentat ukoll kopji ta' diversi cekkijiet u depoziti.[61]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET:</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

Il-partijiet jaddebitaw lil xulxin it-tort tat-tifrik taz-zwieg, ghall-attur it-tortijiet jinkwadraw fl-ambitu tal-estremi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, partikolarment mohqrija, trattament umiljanti, theddid u sevizzi, filwaqt li l-konvenuta, apparti li taddebita l-istess estremi lill-attur, taddebita lilu ukoll l-adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodici Civili.

---

57 Doks. HSBC 1 – HSBC (iii)
58 Doks. HSBC (iii)
59 Doks. HSBC (i)
60 Dok. HSBC 1x
61 Doks. HSBC (R1) – HSBC (R5)

Fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Qorti tal-Appell, li kellha xi tghid hekk:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***
>
> ***Huma sevizzi dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

F'sentenza deciza ricentement fl-ismijiet **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis- 27 ta' April, 2017 il-Qorti ghamlet dina d-distinzjonji –

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
>
> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi***

***huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16."***

Fil-bidu tar-relazzjoni taghhom, l-attur donnu ma jsibx x'jilmenta u donnu sab ruhu vicin tal-familja tal-konvenuta, tant li dejjem kien jippreferi jqatta' l-festi maghhom u anke fil-bidu taz-zwieg ma kellux problemi biex ighix mal-genituri tal-konvenuta sakemm id-dar taghhom kienet lesta.

Il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa r-rapport tal-Perit Legali Dr.Anna Mallia osservat li hafna mit-tort tal-konvenuta huwa bbazat fuq zewg fatturi, wahda li donnha kellha xi ossessjoni fuq iz-zwiemel u poggiethom bhala l-priorita' taghha u t-tieni nett li kienet totalment influenzata mill-genituri taghha. Ikkonkludiet li l-konvenuta kellha tlett izwiemel u ghalkemm kien ighinha missierha finanzjarjament sabiex tiehu hsieb dawn iz-zwiemel, kienet tohrog ukoll Lm50 fix-xahar u baqghet tippratika dan il-passatemp sas-sena 2009 u cioe' anke wara li twieldet it-tieni tarbija DB .

Dr. Mallia waslet sabiex taqbel mal-ilmenti tal-attur li l-konvenuta kienet poggiet in-namra taghha ghal dawn l-annimali u l-

partecipazzjoni fis-*showjumping* qabel it-tfal, u kienet waqfet biss meta miet l-ahhar ziemel li kellha.

Ghall-Qorti, izda, il-verzjoni tal-attur mhix daqshekk konvincenti daqs kemm qed taghmilha l-Perit Legali, in kwantu huwa minnu li l-attur ma kienx irid tfal, partikolarment ghaliex ma kienx ihoss li kien finanzjarjament stabbli sabiex jibdew familja. Jammetti li t-tnejn li huma kienu ighixu hajja pjuttost independenti minn xulxin u dina l-Qorti tifhem ghaliex dak iz-zmien kienu koppja mizzewwga minghajr tfal u ghalhekk ir-responsabbilitajiet kienu ferm inqas u kienu jahdmu sabiex ikollhom flus biex ihallsu l-*loan* taghhom.

Jekk il-konvenuta kienet qed tghaddi hafna hin fuq il-passatemp taghha, fl-istess waqt kienet tahdem u kellha *part-time* ukoll, u f'dak iz-zmien l-attur ammetta li ma kienx finanzjarjament stabbli. Jekk kienet tqatta' hin il-La Valette Riding Club, kienet tghid lill-attur biex jiffrekwentah maghha, izda kien jirrifjuta minhabba li fil-passat kellu l-problema tad-droga u bhala rizultat ma kienx ihobb jissocjalizza.

Huwa minnu ukoll li l-konvenuta kienet baqghet tippratika l-passatemp taghha sas-sena 2009, u cioe' sentejn wara li kellha t-tifla DB   jirrizulta ukoll li kienet marida ghall-perjodu ukoll tul dan iz-zmien.

Ghalhekk, dina l-Qorti ma tistax taqbel mal-Perit Legali Dr. Mallia li l-passatemp tal-konvenuta wassal ghat-tifrik taz-zwieg.

Dwar il-fattur l-iehor li jilmenta fuqu l-attur u cioe' li l-konvenuta kienet tigi influenzata mill-genituri taghha. Missierha kien xtralha ziemel u iktar tard fiz-zwieg ighid li sar jaf li l-konvenuta kellha tlett kontijiet bankarji li kienet hbietlu. Dan wassal ghall-argument kbir bejniethom u minn hawn skond l-attur iz-zwieg taghhom ha daqqa ta' hartha. Hemm verzjoni kontrastanti da parti tal-konvenuta u ommha, in kwantu din tal-ahhar tenniet li kienet hi li ssuggerit lill-konvenuta tiftah kont mal-APS u wara li hi u zewgha kienu bieghu xi ghamara kienu talbuha sabiex izzomm il-flus li qalghu fil-kont taghha sabiex ma jonfquhomx. Omm il-konvenuta ammettiet ukoll li hi kienet tmexxi l-finanzi ta' uliedha peress li kienet tinzel tghin l-ufficju. Il-konvenuta ukoll tghid li kienet fethet kont iehor, meta l-genituri taghha kienu tawha xi flus ghall-Maghmudija ta' D  u kienet baqghet tiddeposita l-flus taghha hemmhekk generalment f'Dicembru.

Ghandu jigi rilevat ukoll li l-genituri tal-konvenuta ghenu hafna finanzjarjament lill-partijiet sabiex ilestu d-dar matrimonjali u addiritura kienu anke kkompletaw diversi kmamar, bhal kamra tas-sodda tat-tifla D,  peress li l-attur kien wieghdha li ser jahdimha hu u qatt ma kkonkludiha.

Ghalhekk jekk dawn il-kontijiet kienu relatati man-negozju tal-familja tal-konvenuta jew le ma jirrizultax li kien hemm xi intenzjoni li jingannaw lill-attur.

L-attur jilmenta ukoll li l-konvenuta kienet ghazziena u ma kinitx tiehu hsieb il-faccendi d-dar. Kienet tippretendi li l-attur johrog jaghmel ix-xiri u anke jsajjar. Ipprezenta diversi ritratti sabiex juri li l-

konvenuta kienet traskurata u kien hemm dizordni totali fid-dar. Il-konvenuta tirribatti dawn l-allegazzjonijiet billi tinsisti li kien hemm perjodu fejn ma kinitx tiflah wara li welldet lil D u kienet tkun trid titfissed. Kien ukoll f'dan il-perjodu li l-attur kien beda jaghmel ix-xirja u jsajjar. Dawr it-taqlib, il-konvenuta tinsisti li dan kien minhabba li kellha tbattal il-gwardarobba peress li fl-ahhar l-attur kien lesta l-kamra tat-tifla,

Kien hemm ukoll problema ta' nuqqas ta' intimita' bejniethom u l-attur jattribwixxi dan ghall-fatt li l-konvenuta kienet tinsisti li t-tifla ghandha torqod bejniethom, Bhala rizultat l-attur kien beda jorqod fil-kamra tal-bejt fejn arma televixin peress li kien ikun irid iqum kmieni filghodu u apparti minn hekk wara t-tqala l-konvenuta bdiet tbati minn *mastitis* u tant kienet tkun migugha li kienet tevita l-intimita' u ghalhekk tiggustifika l-azzjonijiet taghha, Inoltre, tant dam l-attur sabiex ilesti l-kamra tas-sodda tat-tifla li ma kellhiex alternattiva hlief li traqqadha maghha.

Tenut kont, ghalhekk, ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dina l-Qorti, ser tallonta ruhha mid-decizjoni tal-Perit Legali in kwantu jirrigwarda l-htija tal-konvenuta, stante li mhix konvinta li l-attur ipprova li kien hemm xi mohqrija, sevizzi u theddid da parti taghha.

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li kien hemm zewg perjodi fiz-zwieg taghhom, li l-kontendenti marru ghal *counselling.* It-tnejn gharrfu li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom u t-tnejn li huma ppruvaw jimmeljoraw fuq dan il-punt.

Madanakollu, l-akbar problema ghall-konvenuta kienet li l-attur kien assenti hafna mill-hajja taghhom u ta' uliedu. Dan gie ammess anke mill-*counsellor* stess li heggeg lill-attur sabiex isib hin ghall-familja. Ma kienx imur bahar maghhom tant li l-konvenuta nstallet *pool* u anke *jacuzzi* fid-dar sabiex ikunu flimkien. Meta mietet oht l-attur u kien imbikkem hafna, riedet tiehdu btala Venezija u rrifjuta.

Apparti minn hekk, il-konvenuta tilmenta li l-attur kien qabad il-vizzju li jiltaqa' ma' shabu jisimighu l-muzika, peress li lkoll kienu dilettanti, izda kien idum hafna maghhom u darba minnhom meta organizza dina s-serata fid-dar taghhom, il-konvenuta ndunat li kienu qed ipejpu l-*marijuana* u ghalhekk kienet tinkwieta ruhha minhabba l-passat tal-attur. Meta ppruvat tikkonfrontah ma baqax jorganizza dawn l-attivitajiet id-dar taghhom. Kienet anke ndunat li beda jixrob iktar mis-soltu.

Din it-tip ta' hajja bdiet l-iktar wara li twieldu t-tfal u aggravat wara li l-attur tilef lil ohtu fl-2012. Ghalhekk dawn ic-cirkostanzi jwasslu lil dina l-Qorti biex tikkonkludi li kien hemm eccessi kommessi da parti tal-attur fil-konfront tal-konvenuta u uliedu.

**<u>Adulterju</u>**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

> "… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju*

*tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".*** *(P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

L-adulterju huwa l-iktar aggravju gravi sabiex tinghata l-htija lil wahda mill-partijiet. L-unika akkuza f'dan il-kaz qed issir mill-konvenuta fil-konfront tal-attur.

M'hemmx kontestazzjoni li l-attur kellu relazzjoni ma' MS li ntemmet fis-sena 2017. Fejn hemm verzjonijiet konflingenti huwa meta bdiet dina r-relazzjoni. Li huwa cert hu li l-attur kien gie inkarigat minn Spiteri sabiex jahdmilha kcina u dan kien ghall-habta ta' Marzu, 2012 u l-istess S tghid li r-relazzjoni bejniethom bdiet ghall-habta ta' Mejju/Gunju. 2012.

Il-verzjoni tal-konvenuta hija kemmxejn differenti in kwantu tindika li fit-3 ta' Marzu, 2012 l-attur kien hareg ma' shabu u kien irritorna d-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Fis-16 ta' Marzu, 2012 il-konvenuta kienet rat sperma fuq il-qalziet ta' taht tal-attur u ma kinitx qaltlu.

Kien gideb ukoll fid-19 ta’ Marzu, 2012 meta rrifjuta li johrog mal-familja meta kienet festa pubblika u wara saret taf li kien mar il-fabbrika fejn kien qed jikkomunika ma’ S, u l-istess kien gara fl-20 ta’ Marzu, 2012, meta l-attur kellu jigbor lit-tifla D u ma marx ghaliha bl-iskuza li kien inqabad xoghol, minn fejn il-konvenuta kkonfermat li ma kienx minnhu ghax kienet saqet sal-fabbrika u sabet kollox fid-dlam.

Li dina r-relazzjoni bdiet qabel mal-attur telaq mid-dar huwa kkonfermat minn haten il-konvenuta li kien ghamillu l-ghassa u kkonferma li l-attur ma kienx qed ighix ghand ommu meta telaq, izda kien mar ighix ghand S

Dawn il-provi per se jsahhu l-verzjoni tal-konvenuta bhala dik l-iktar veritiera u tirrespingi l-verzjoni attrici li r-relazzjoni bdiet wara li l-konvenut telaq mid-dar.

Ghaldaqstant, minn dawn l-assjem tal-provi, dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr.Mallia li l-adulterju da parti tal-attur waqt iz-zwieg gie ppruvat fl-ambiti tal-ligi, kif interpretata fil-gurisprudenza nostrana.

Ghaldaqstant, in kwantu jirrigwarda r-responsabbilita’ dina l-Qorti tvarja r-rapport tal-Perit Legali Dr. Mallia u tikkonkludi li l-htija tas-separazzjoni hija unikament tort tal-attur, minhabba eccessi u adulterju.

**Sanzjonijiet ikkontemplati mil-ligi**

Illi kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, dwar dan l-aspett il-Qorti taghmel distinzjoni bejn it-tortijiet tat-tkissir taz-zwieg. Meta t-tort ikun wiehed komminat fl-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikolu 51 u 52 tal-istess Kodici, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et. Seq. Dan b'differenza mill-kaz meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u/jew adulterju stante li dawn igibu maghhom, skond il-ligi konsegwenzi mandatorji u jridu jigu applikati dejjem mill-Qorti fil-konfront tal-hatja ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Fil-kaz odjern il-htijiet tal-attur huma l-eccessi u l-adulterju fil-fehma ta' dina l-Qorti hum abbastanza gravi li jattiraw id-dekadenzi stabbiliti fl-Artikolu 48 ghajr in vista tar-relazzjoni li l-attur dahal fiha anqas minn xahar qabel ma telaq mid-dar matrimonjali u li ghalhekk fil-fehma tal-Qorti fil-konfront tal-attur ghandha tapplika d-dekadenza stipulata fl-Artikolu 48 (1) (d) u cioe' d-dritt tieghu li jippercepixxi manteniment minghand il-konvenuta.

**Data minn meta ghandha titqies ir-responsabbilita' u t-tort ghas-separazzjoni**

Konsiderando ta' kif zvolgew l-affarijiet u li ma kienx hemm tentattivi da parti tal-kontendenti li jippruvaw jirrikonciljaw jew jaslu ghall-ftehim, id-data minn meta telaq l-attur mid-dar matrimonjali u cioe' l-

27 ta' Marzu, 2012 ghandha tigi kkunsidrata bhala d-data meta l-attur irrenda ruhu hati u responsabbli tas-separazzjoni.

**Kura u Kustodja**

Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D , li llum hija maggorenni u DB li ghandha sbatax-il sena.

Dwar D , peress li saret maggorenni m'ghadx hemm il-htiega li dina l-Qorti tippronunzja ruhha fuq il-kura u kustodja.

Dwar DB, il-Perit Legali rrakkomanda li jkun hemm kura u kustodja konguntiva. Dina l-Qorti ghal darb'ohra ma taqbilx mal-konkluzzjoni raggunta minn Dr. Mallia, stante li l-minuri ilha ghal zmien twil fil-kura u kustodja ta' ommha l-konvenuta u llum prattikament hija maggorenni u ghalhekk prattikament kapaci li tiehu decizjonijiet ghaliha, Ikun kompitu inutli li takkorda kura u kustodja konguntiva ghal ftit xhur, meta effettivament dina l-minuri ser tkun qed tiehu decizjonijiet wahedha dalwaqt, s'intendi dejjem ahjar li tiehu pariri minghand il-genituri taghha, ghax daqshom hadd ma jista' jiggwidaw u jixtieqilha l-iktar gid.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti mhix ser tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali u tordna li l-minuri DB tibqa' fdata fil-kura u kustodja tal-konvenuta.

**Manteniment ghall-Ulied il-Partijiet**

Permezz tad-digriet tat-2 ta' Dicembru, 2013, il-Qorti kienet ordnat lill-attur ihallas manteniment ghaz-zewg uliedu minuri s-somma ta' €700 fix-xahar b'effett mill-25 ta' Gunju, 2013, kif ukoll li *pendente lite* jhallas lil San Anton School il-mizati tal-iskola u spejjez edukattivi ancillari taz-zewg minuri. L-istess digriet ordna lill-attur sabiex *pendente lite* jhallas zewg terzi tal-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali.

Il-konvenuta kienet xehdet ukoll li l-attur kien obbliga ruhu li jhallas il-pagament ta' €407.33 tal-loan li ghandhom il-partijiet mal-HSBC Bank Malta plc.

Kien hemm diversi digrieti ohra li varjaw u anzi zdiedu l-manteniment precisament id-digriet tat-30 ta' Marzu, 2015, id-digriet tat-2 ta' Lulju, 2015 u d-digriet tad-9 ta' Novembru, 2015. Bid-digriet taghha tas-26 ta' Awwissu, 2016, il-Qorti regghet ikkonfermat l-ordni moghtija fid-digriet tat-2 ta' Dicembru, 2013, in kwantu l-attur gie ordnat ihallas manteniment ghaz-zewg minuri fis-somma ta' €350 kull wiehed b'effett mill-25 ta' Gunju, 2017, b'dana li l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ordnat ukoll li jhalls nofs il-mizati tal-iskola tat-tfal u l-pagament tal-HSBC loan.

Ghandu jigi rilevat primarjament li llum Dghandha 24 sena u ghalhekk m'ghadx hemm obbligu li tircievi manteniment, anke jekk kemm il-darba ghadha qed tistudja. Il-konvenuta ssemmi li ghad ghandha diversi spejjez sabiex thallsilha, ciononostante, huwa minnu li genitur dejjem ser jibqa' jipprova jghin lil uliedu, izda

ghandhom jifhmu ukoll li meta jilhqu l-eta' taghhom ma jistghux jippretendu li jhallsulhom kollox il-genituri, li ghandhom fuq kollox il-mezzi taghhom,

DB ghad ghandha sittax-il sena u l-Qorti tifhem li tifla li ha tibda t-triq ghall-A'Levels tirrikjedi diversi spejjez. Il-konvenuta elenkat diversi spejjez li ghandha ta' DB li jammontaw ghal cirka €900 fix-xahar u ghalhekk il-manteniment taghha fis-somma ta' €350 mhuwiex sufficjenti.

**<u>Il-Ligi</u>**

L-artikolu 3 tal-Kodici Civili jikkontempla illi l-genituri ghandhom l-obbligu li jhallsu manteniment ghall-uliedhom u l-istess Artikolu jghid hekk:-

> ***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

**<u>Dhul tal-konvenuta</u>**

Il-konvenuta kienet tahdem mal-kumpanija ta' missierha Crown Advertising Limited. Meta twieldet D kienet tahdem *flexi-hours*, izda kienet baqghet irregistrata, fuq parir ta' missierha bhala *full-timer* ai finijiet tal-pensjoni. Madanakollu, qatt ma kienet tithallas ta' *full-timer* u kienet tircievi paga ta' €750 fix-xahar mill-istess kumpanija u dan

sa Frar 2013 meta bdiet tahdem *three-day a week* minhabba li x-xoghol kien naqas sew.

Fil-fatt, bejn il-partijiet ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-introjtu tal-konvenuta u dan anke meta l-attur stess, fin-nota guramentata tieghu jikkontendi li l-konvenuta ghandha paga ta' cirka €9,300 fis-sena u anke d-diversi dokumentazzjoni li gew esebiti bhal FS3's[62]

Inoltre, mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenuta ghandha ukoll xi kontijiet f'isimiha li jikkontjenu somom iddepozitati f'isimha, inkluz ic-childrens allowance.[63]

Meta qabblet l-introjtu tal-konvenuta u dawk l-ispejjez li hija thallas kemm ghall-hajja, kif ukoll ghat-tfal tikkontendi li certament dan l-introjtu mhuwiex sufficjenti sabiex tkampa u thallas dawn l-ispejjez u indubbjament qed tircievi xi introjtu minn x'imkien iehor.

**<u>Dhul tal-attur</u>**

Mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-uniku introjtu tal-attur jircevih mill-kumpanija Top Drawer Limited, fejn qieghed shab ma' Adrian Bartolo. Hemm divergenzi dwar l-introjtu tieghu, ghaliex il-konvenuta tikkontendi li l-attur jircievi cirka €2,400 fix-xahar, ghaliex €1,400 jidhru, filwaqt li dejjem hemm dawk il-€1,000 li ma jidhrux.

[62] Doks. DG1 – DDG9 u DDG1FS 3
[63] Dok. MDG 36

Kemm meta xehed l-attur, kif ukoll ikkorroborat bil-verzjoni tal-partner tieghu Adrian Bartolo, jirrizulta li l-paga taghhom kienet bejn Lm1,000 jew Lm1,050 fix-xahar.

L-attur jinnega l-allegazzjoni da parti tal-konvenuta li ghandu xi introjtu iehor u li hu u Bartolo kienu jibghatu kontijiet minghajr VAT, u li kienu jiltaqghu ghand missier Bartolo u jaqsmu l-flus li kienu jircievu *cash* sabiex jevitaw li jhallsu VAT. Dina l-verzjoni tal-konvenuta hija kkorroborata kemm mill-konvenuta, kif ukoll mill-*ex partner* ta' Bartolo. Il-konvenuta addiritura tinsisti li l-attur kien jahbi dawn il-flus f'*wine box* fil-kamra tal-ikel jew fis-soffitt tal-injam li kellhom fl-*ispare toilet.* Omm il-konvenuta tikkonferma li l-attur kien ammetta dan maghha ukoll.

Il-verzjoni tal-attur iktar tissahhah ghaliex l-FS3 ghas-sena bazi 2017 jindika li l-introjtu tieghu baqa' l-istess u cioe' bejn €1,000 u €1,200 fix-xahar.

Dan id-dhul tal-attur huwa realistiku peress li l-attur jammetti li kemm il-darba kellu jissellef il-flus sabiex ilahhqu bl-ispejjez kemm minghand ommu kif ukoll minghand il-partner tieghu fin-negozju Adrian Bartolo. Il-konvenuta stess tikkonferma li omm l-attur kienet sellfitu Lm10,000 u kellu jirrifondilha l-flus. Bihom, l-attur stqarr li kien heles mill-Flexiloan li kellha l-konvenuta sabiex jaqta' mid-dejn. L-istess Adrian Bartolo jikkonferma li gieli kien sellef flus lill-attur.

Madankollu, dan l-introjtu tal-attur jigi oskurat meta jigi kkunsidrat li skond il-konvenuta, l-partner tal-attur fin-negozju u cioe' Adrian Bartolo certament ma kienx ighix hajja li tirrifletti ntrojtu ta' €2,400 fix-xahar u kkumparat maghhom kien ighix hajja iktar lussuza u ghalhekk dan iwassal sabiex tkun imhassba kemm verament l-attur kien qed ikun veritier rigward l-introjtu tieghu.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti taqbel ma' dak li gie rrakkomandat mill-Perit Legali Dr.Anna Mallia u cioe' li l-manteniment ghat-tifla minuri Debbie ghandu jizdied ghal €500 fix-xahar, kif ukoll ghandu jhallas ghan-nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha u dan sal-eta' ta' 23 sena jekk kemm il-darba l-minuri tibqa' tistudja fuq bazi full-time.

Taqbel ukoll li attivita' wahda extra-kurrikulari ghandha tithallas konguntivament bejn il-partijiet. Inoltre tikkonferma li l-attur ghandu jhallas €1,000 fis-sena ghall-htigijiet li jkollha bzonn l-istess minuri u dan kif tikkoordina mieghu tenut kont tal-fatt li llum ghandha 17-il sena.

Dwar il-polza ta' assikurazzjoni tas-sahha tat-tfal dina ghandha tibqa' fid-diskrezzjoni ta' min ghamilha jekk jibqax ihallasha jew le.

**<u>Arretrati</u>**

Il-konvenuta tiddikjara li kien hemm diversi arretrati dovuti mill-attur u dawn huma s-segwenti:-

i) €4,346 mizati tal-iskola

ii) €6,133.52 stationery, uniformijiet u kotba mhux imhallsa

iii) Lezzjonijiet tal-privat u school extras mhux imhallsa €5894.02

iv) €2,325 manteniment mhux imhallsa.

**i) <u>Mizati tal-iskola</u>**

It-tifla Dawn kienet bdiet tattendi l-iskola privata San Anton f'Ottubru, 2002 u spiccat f'Gunju, 2014. DB bdiet tattendi l-istess skola fis-26 ta' Settembru, 2010 u fil-proceduri spiccat u bdiet tattendi Sixth Form il-Kullegg ta' San Alwigi.

Dr. Joe Gauci, li dak iz-zmien kien il-Kap tal-Iskola San Anton ipprezenta l-mizati kollha li thallsu u kkonferma li kien ghad hemm arretrati ghall-perjodu bejn l-20 ta' Settembru, 2010 sat-30 ta' Settembru, 2016 li jammontaw ghall-€3066,67.[64] Jirrizulta mbaghad li sas-sena skolastika 2016/2017 kien baqa' bilanc ta' €449.[65]

Il-konvenuta spjegat li bejn is-sena 2016 sa Marzu, 2019, l-attur kien beda jghinha thallas il-mizati u dan minhabba dak iz-zmien kienet faqqghet il-pandemija tal-Covid 19. L-attur da parti tieghu jammetti li minn Marzu, 2019 kien waqaf ihallas dawn il-mizati peress li finanzjarjament ma setax, iktar u iktar meta d-dhul li kien idahhal mill-kera tal-post li kellu Ghawdex kienet waqfet minhabba l-pandemija.

---

[64] A fol. 2379 et. Seq.

[65] A fol. 2405

Fir-rendikont taghha, il-konvenuta indikat li bejn l-14 ta' Marzu, 2014 sal-14 ta' Settembru, 2016 il-mizati dovuti kienu jammontaw ghal €9,346, li minnhom l-attur hallas €5,000 u ghalhekk kien ghad hemm bilanc ta' **€4,346.**

Li nsiet tindika l-konvenuta huwa li kien inhareg digriet minn dina l-Qorti fis-26 ta' Awissu, 2016, fejn gie ordnat li tali mizati ghandhom jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Ghalhekk jirrizulta li ghall-mizata mill-14 ta' Settembru, 2016 li tammonta ghal €1,259 ghandha thallas nofsha l-konvenuta, filwaqt li ghall-mizata tal-11 ta' Awissu, 2016, l-attur ghandu jhallas biss tlett kwarti tal-istess ammont u cioe' €944.25.

Dan ifisser li l-arretrati dovuti ghandhom jigu kkalkulati fis-segwenti mod (€4,346 - €629.50 - €314.75 = **€3,401**).

Inoltre, il-konvenuta kkonfermat li minn Settembru, 2020 sa Gunju, 2021 l-attur kien hallas il-mizati ghal DB, filwaqt li minn Settembru, 2021 sa Dicembru, 2021 u minn Jannar sa Marzu, 2022, minn April sa Gunju, 2022 ohtha kienet hallsitilha sehemha peress li ma kellhiex minn fejn.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser ikollha taqbel mal-kalkulazzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Mallia u cioe' li hemm arretrati li jammontaw ghal **€3,401** li huma dovuti mill-attur u jekk jirrizulta li

ghad hemm xi pendenzi mill-11 ta' Awissu, 2016 dawn ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Inoltre, peress li llum it-tifla DB tattendi s-Sixth Form San Alwigi d-donazzjonijiet dovuti lill-istess skola ghandhom jibqghu jithallsu mill-partijiet konguntivament.

**ii) <u>Stationery, uniformijiet u kotba mhux imhallsa</u>**

Il-konvenuta pprezentat rendikont ta' dawn l-ispejjez mill-1 ta' Mejju, 2012 sad-19 ta' Settembru, 2021[66] u kkalkolat li hemm arretrati li jammontaw ghas-somma ta' €6,133.52.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Mallia u cioe' li ma jirrizultax li l-attur ghamel xi pagamenti f'dan ir-rigward.

Effettivament l-ewwel u l-uniku ordni li nhareg minn dina l-Qorti huwa dak tat-2 ta' Dicembru, 2013 fejn ordnat li l-attur ghandu, *pendente lite* jhallas l-ispejjez edukattivi ancillari ghall-mizati tal-iskola taz-zewg minuri.

Ghalhekk, in vista ta' dan, l-attur kien obbligat li jaghmel dawn il-pagamenti minn dik id-data tad-digriet mahrug minn dina l-Qorti u mhux qabel. Konsegwentement, ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez tas-sena 2012 u cioe' l-ammont ta' €810.74 u tas-sena 2013 sa Novembru u cioe' l-ammont ta' €1222.97.

---

[66] A fol. 2214 - 2216

Il-Qorti taqbel ukoll mar-ragunar tal-Perit Legali li anke jekk minkejja li l-konvenuta ma pproducitx ircevuti sabiex tissostanzja l-pretensjoni taghha, cionostante kif diga' rrilevat dina l-Qorti, ma jirrizultax li kien hemm pagament da parti tal-attur tal-imsemmija spejjes u ghalhekk huwa obbligat li jhallashom anke peress li l-ammont pretiz mill-konvenuta huwa gust u ragjonevoli,

Ghaldaqstant, l-attur huwa obbligat li jhallas is-somma ta' **€4,099.81** bhala arretrati ta' spejjez ta' stationery, uniformijiet u kotba mhux imhallsa.

**iii) <u>Lezzjonijiet tal-privat u school extras mhux imhallsa fl-ammont ta' €5,894.02</u>**

Il-konvenuta pprezentat rendikont ghal dawn l-ispejjez bejn is-6 ta' Novembru, 2013 sat-2 ta' Gunju, 2022. L-istess dina l-Qorti taqbel li ghalkemm il-konvenuta ma pprezentatx ircevuti biex tissostanzja tali pretensjonijiet, ma jirrizultax li sar xi pagament da parti tal-attur u peress li l-Qorti tikkunsidra dan l-ammont bhala wiehed ragjonevoli, kwalsiasi spejjez li saru mit-2 ta' Dicembru, 2013 huma a karigu tal-attur.

**iv) <u>Arretrati ta' Manteniment</u>**

Jirrizulta mill-provi li kien hemm perjodu fejn l-attur insista li jghaddi ammont inqas mill-manteniment ordnat minn dina l-Qorti. Jirrizulta ukoll li kien hemm diversi digrieti kif fuq imsemmi li ordnaw il-manteniment dovut mill-attur ghaz-zewgt itfal minuri.

Mir-rendikont li pprezentat il-konvenuta l-ammont pretiz huwa ta' €2,325 u l-Qorti taqbel mal-Perit Legali li l-attur qatt ma nnega li dan l-ammont huwa dovut.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tordna lill-attur ihallas dina s-somma ta' **€2,325** bhala arretrati ta' manteniment.

**<u>Access</u>**

*In primis*, dina l-Qorti mhix ser tikkunsidra kwistjonijiet ta' access fir-rigward tat-tifla D  peress li dina llum hija maggorenni u m'ghadx hemm lok ghall-pronunzjament minn dina l-Qorti f'dan ir-rigward.

Rigward it-tifla DB, illum ukoll ghandha 17-il sena u ghandha l-impenji taghha u dina l-Qorti ma thossx li tkun haga gusta li timponi granet u hinijiet fissi fuq l-istess minuri u l-attur. Il-Qorti ghalhekk taqbel ma' dak irrakkomandat mill-Perit Legali u cioe' li l-attur ghandu jkollu access liberu ghall-minuri DB u li l-istess attur ghandu jaghmel l-arrangjamenti tieghu mal-istess tifla tenut kont tal-ezigenzi li jkollha l-istess tifla DB.

**<u>Manteniment ghall-Konvenuta</u>**

Il-konvenuta qed tippretendi li tithallas manteniment minghand l-attur stante l-fatt li tahdem biss tlett darbiet fil-gimgha fejn il-paga taghha naqset minn €750 fix-xahar ghal cirka €482 fix-xahar.

L-attur da parti tieghu jikkontendi li m'ghandux obbligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-konvenuta u dan minhabba li hi tahdem *full-time.* Iktar 'l quddiem fil-kawza, precisament fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2020 l-attur sahaq li l-konvenuta m'ghadhiex tahdem ma' missierha, izda tahdem *freelance* bhala d*esigne*r, fejn il-konvenuta qatt ma nnegat dan, anzi waslet biex recentement fis-27 ta' Lulju, 2022 ikkonfermat li l-introjtu taghha huwa dak ta' €900 fix-xahar.

Kif ben accennat dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kaz fl-ismijiet **Catherine Mifsud vs Louis Mifsud**[67] "***manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm mill-bzonn (Artikolu 20(1) tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu).***"

Ghalhekk in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali li m'ghandhiex tiddisturba d-digriet taghha tas-26 ta' Awissu, 2016 li permezz taghha kienet cahdet it-talba ghall-manteniment tal-konvenuta. Ghandu jigi rilevat inoltre illi minn dakinhar, il-konvenuta m'ghamlet ebda tenattiv sabiex tvarja dak id-digriet.

Ghaldaqstant, it-talba tal-konvenuta sabiex tinghata manteniment minghand l-attur ghandha tigi respinta.

[67] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' ottubru, 2013

**Komunjoni tal-Akkwisti**

**Krediti Parafernali tal-Partijiet**

L-attur qed jippretendi s-segwenti krediti parafernali:-

i) Lm1,800 ( €4,194) flus li hareg fuq il-konvenju;

ii) Lm6,846 (€15,951) spejjez li hareg ghall-manutenzjoni u restawr tad-dar, inkluz kontijiet tad-dawl u ilma;

Fir-rigward tal-ispejjez f'punt (ii) dina l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha u l-istess decizjoni ser tittiehed fil-konfront tal-ewwel pretensjoni, stante l-htija tal-attur.

L-attur iddikjara ukoll li l-konvenuta kienet harget Lm1,277 u missierha kien hareg Lm1,943. Ma jirrizultax li kien hemm xi kontestazzjoni in rigward ta' dan.

Il-konvenuta tikkontendi li hija ghandha s-segwenti krediti parafernali li huma s-segwenti:-

i) Lm9,500 (€22, 135) flus li nefqet fuq id-dar matrimonjali;

ii) Lm3,500 (€8152) flus li kien taha nannuha JD ;

iii) Lm6,000 (€13, 976) flus li kien ghaddielha missierha.

Il-Qorti taqbel ma' dak rilevat mill-Perit Legali li minkejja li l-konvenuta ma resqitx provi sabiex tikkonferma li kien hemm dawn id-donazzjonijiet, l-verzjoni taghha giet ikkorroborata minn ommha stess u jirrizulta li tul iz-zwieg taghhom missierha dejjem kien hemm

sabiex jiftah idejh u jghinha u ghalhekk il-pretensjonijiet tal-konvenuta jirrizultaw veritieri.

Madanakollu, il-Perit Legali ghamlet kalkolazzjoni hazina, in kwantu l-€22,135 jirreferu ghal flus li nefqet fuq id-dar matrimonjali u ghalhekk is-somma totali li tirrapprezenta l-kreditu parafernali taghha hija ta' **€44,270** li ghandha tiehu minn sehemha meta tinbiegh id-dar matrimonjali. Maghhom ghandhom jinghadu l-flus li harget l-attrici kif ukoll missierha ghall-akkwist tad-dar u cioe' l-ammont ta' **€7,502.60** (Lm1,277 + Lm1,943).

**Dejn f'isem l-attur**

Mir-rizultanzi processwali jista' jigi stabbilit li f'isem l-attur irrizulta diversi loan accounts li kienu thallsu kollha.[68]

Jirrizulta ukoll li l-attur kellu personal loan ta' €1,750 li kien fuq il-kont numru 061-176681-340 u sal-25 ta' Settembru, 2013 kien baqa' kapital ta' €1,692.67 x'jithallsu. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, ikkonfermat li l-loan gie ttrasferit mill-kont 4035710035861340, visa account tal-attur[69] u dan fit-28 ta' Mejju, 2013. Ikkonfermat ukoll li dan il-loan kien infetah sabiex jithallas il-kont tal-Visa tal-attur. Fuq l-istess loan sal-25 ta' Settembru, 2019 kien ghad hemm bilanc ta' €1,692.67 kapital, interessi €44.76, interessi fuq il-bilanc ta' €144.76.

[68] Doks. HSBC 6 u HSBC 13
[69] Dok. HSBC 12 a fol. 1527

Il-Perit Legali Dr. Mallia ikkonkludiet li kien hemm biss dan il-*personal loan* pendenti li ttiehed minn trasferiment tal-Visa account sabiex il-bilanc fuq dan l-ahhar kont jigi saldat b'dan il-mod. L-attur m'ghandu jghaddi xejn ghal dan il-loan peress li hafna mid-dejn fuq il-Visa kien ghall-gid tal-komunjoni u ghaldaqstant ghandha tibqa' responsabbilita' tieghu.

Edward Mizzi, Bank Manager HSBC (Malta) Recoveries Department ikkonferma li l-attur kellu ukoll dejn mal-advance card numru 061-176681-340 u sat-30 ta' Settembru, 2015 kien hemm dejn ta' €3943.75.[70] Kien hemm ukoll Visa classic card li jgib in-numru 4568824000358I005.

Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Mallia li d-dejn ezistenti fuq dawn il-Visas, jekk ghad hemm, ghaliex l-ahhar informazzjoni nghatat fis-sena 2012, ghandu jibqa' a karigu tal-attur.

**Loans f'isem iz-zewg partijiet**

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li kien hemm is-segwenti loans tal-partijiet:-

**i) HSBC kont numru 14046105**

[70] A fol. 2122

Dan il-kont infetah fid- 9 ta' marzu, 1992 bl-ammont ta' Lm3,643.39. Sad-19 ta' Gunju, 2015 kien hemm arretrati ta' €98.45.[71]Fit-23 ta' Ottubru, 2015 kien baqa' dejn ta' €1,261.64 oltre l-interessi.[72] Fis-seduta tal-4 ta' April, 2022, Doreen Cunningham fil-kapacita' taghha ta' Recoveries Agent mal-HSBC Malta plc. ikkonfermat li l-home loan thallas kollu fil-21 ta' Dicembru, 2020.

**ii) <u>HSBC kont numru 15046103</u>**

Dan il-kont infetah ukoll fid-9 ta' Marzu, 1992 bl-ammont ta' Lm3,000 mal-Lohombus Bank. Sad-19 ta' Gunju, 2015, kien hemm arretrati fl-ammont ta' €938.68. Sat-29 ta' Settembru, 2015 id-dejn kien ta' €1,223.52. Doreen Cunningham ikkonfermat li fit-23 ta' Dicembru, 2020 dan il-home loan kien thallas kollu.

**iii) <u>Kont numru 061-190229-300 (Personal Loan)</u>**

Fl-1 ta' Dicembru, 2011, il-partijiet kienu hadu self fl-ammont ta' €18,900 biex jixtru vettura li l-HSBC jirreferi ghalih bhala Flexicredit.[73]

Fuq dan il-kont sad-19 ta' Gunju, 2015 kien ghad fadal arretrati fl-ammont ta' €5,400.55.

L-attur isostni li ma kellux bzonn jiehu loan ghaliex seta' jistenna sabiex jixtri vettura, izda peress li z-zewg loans tad-dar kienu ser jispiccaw, kienu hajruh jerga' jiehu loan. Fil-fatt imbaghad mill-kuntratt fit-18 ta' Dicembru, 2020 fl-atti tan-Nutar Katrin Bartolo

---

71 Dok. HSBC R (6)
72 HSBC R (1)
73 Doks. HSBC (i), HSBC R(11) a fol. 2137

jirrizulta li kienet saret kostituzzjoni ta' kreditu mal-HSBC Bank Malta plc. fit-13 ta' Mejju, 2019 fejn il-kontendenti qablu li kienu debituri fil-konfront tal-imsemmi Bank fis-somma ta' €31,997.06 bilanc dovut fuq dawn it-tlett kontijiet fuq imsemmija u l-Bank wasal sabiex qabel li jnaqqas l-ammont ghal €19,419.60.

**<u>Arretrati mitluba mill-Konvenuta</u>**

Il-konvenuta tikkontendi li l-arretrati li ghandha tithallas huma tnejn:-

**i) €13,441.89 pagamenti ta' 33-il xahar li l-attur naqas li jaghmel lil HSBC Malta plc fuq ordni tal-Qorti datat 2 ta' Dicembru, 2013.**

B'digriet tas-26 ta' Awissu, 2016 (13/13/4 RGM) il-Qorti varjat id-digriet tat-2 ta' Dicembru, 2013 u ordnat minflok li l-pagamenti mensili lil HSBC Bank Malta plc. ghandu jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur u n-nofs l-iehor mill-konvenuta. Il-Perit Legali ddentifikat il-pagamenti li saru mill-attur fuq il-Home Loans kont numru 15046103 u Home Loan 14046105 bejn l-14 ta' April, 2012 u l-21 ta' Dicembru, 2021.[74]

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali Dr.Mallia li peress li l-Bank kien ghazel li jnaqqas il-kreditu tieghu minn €31,997.06 ghal €19,419.60 (differenza ghalhekk ta' €12,577) u l-konvenuta qed titlob arretrati ta' nuqqas ta' hlas tal-attur fis-somma ta' €13,441.89. Dan ifisser li hemm zbilanc ta' **€864.53,** li m'ghandhomx imorru a favur il-konvenuta, izda a favur il-genituri taghha li ghenu u saldaw il-kreditu

[74] Ara Rapport tal-perit Legali a fol. 111

tal-Bank sabiex jissalvagwardjaw li d-dar matrimonjali tispicca f'idejn l-HSBC Bank Malta plc.

Ghalhekk, dina l-Qorti taqbel mal-Perit Legali Dr. Mallia li t-talba tal-konvenuta ghall-arretrati dovuti lilha m'ghandhiex tigi milqugha.

**ii) €23,362 li hallsu l-genituri tal-konvenuta lill-Bank sabiex qatghulhom id-dejn u salvaw id-dar matrimonjali.**

Il-konvenuta tikkontendi li l-hlas ta' dan l-ammont sar mill-genituri taghha f'daqqa permezz ta' kuntratt tat-18 ta' Dicembru, 202 fl-atti tan-Nutar Katrin Bartolo sabiex jigu mhallsa t-tlett loans li kellhom il-partijiet.[75]

Il-Perit Legali tiggustifika li ghandu jsir dan il-pagament lill-genituri tal-konvenuta u dan peress li kien ghad hemm id-dejn. Ghalkemm saru xi pagamenti fuq dawn it-tlett loans, gara ukoll li l-loan li l-partijiet kienu hadu sabiex jixtru l-vettura gie ddepositat fil-kont numru 161176681-001. Dan gie kkonfermat minn Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li effettivament il-partijiet ma uzawx dawn il-fondi sabiex jixtru vettura, izda spiccaw xtraw frigg, television u parti mill-bqija tal-flus sakemm l-attur telaq mid-dar matrimonjali kienu ntuzaw ghall-hajja u cioe' mis-26 ta' Marzu, 2012 u kien fadal bilanc ta' €6,507.82. Imbaghad minn dina s-somma ntuzaw €2,329 sabiex jithallsu l-mizati tal-iskola San Anton, pagamenti tal-home loans, kif ukoll

[75] A fol. 2205

ghall-hajja, tant li sal-24 ta' Novembru, 2012 jidher li kien baqa' biss €826.93.

Ghalkemm il-Qorti taqbel li s-somma ta' **€23,362.92** ghandha tithallas lill-genituri tal-konvenuta, pero' ma taqbilx mal-Perit Legali li din s-somma ghandha tithallas in kwantu zewg terzi mill-attur u in kwantu terz mill-konvenuta u dan minhabba li l-attur huwa hati tat-tifrik taz-zwieg fuq kollox minhabba adulterju. Ghalhekk dan l-ammont, flimkien mal-imghaxijiet mid-data tal-kuntratt sad-data tas-sentenza ghandhom jithallsu interament mill-attur.

**Kontijiet Bankarji**

**i) Attur**

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li kien hemm zewg kontijiet f'isem l-attur.

a) Kont numru 338002688 li fid-9 ta' Lulju, 1996 ghandu bilanc ta' zero.
b) Kont numru 061-176681-001 li nfetah fl-24 ta' mejju, 2002, liema kont gie kkreditat bil-flus tas-self li nghata lill-partijiet sabiex jixtru vettura fl-ammont ta' €18,900.

Minn dawn il-fatti jirrizulta carament li ma hemmx xi ammonti sostanzjali li l-konvenuta ghandha tinghata sehemha minnhom. L-ewwel kont, li ghandu bilanc ta' zero, imur lura ghaz-zmien meta effettivament il-partijiet ma kellhomx problemi matrimonjali. It-tieni

kont ntuza ghal diversi spejjes u anke jekk kien hemm xi pagamenti li saru minn omm l-attur, dawn gawdihom l-attur.

Ghaldaqstant, dawn il-kontijiet ghandhom jibqghu f'isem l-attur u m'ghandu jghaddi xejn lill-konvenuta.

## ii) Konvenuta

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kellha kontijiet bankarji kemm mal-APS Bank, kif ukoll mal-HSBC Bank Malta plc.

### (a) APS Bank

Jirrizulta li kien hemm tlett kontijiet f'isimha u li kellhom l-indirizz tas-socjeta' fejn tahdem il-konvenuta u cioe' Crown Advertising Ltd. Il-kontijiet huma s-segwenti:-

i) Savings numru 2000062597-5, illum maghluq u fil-11 ta' Mejju, 2012, kien fih bilanc ta' €4521,23, liema somma mbaghad giet trasferita lil omm il-konvenuta Marian Fenech;[76]

ii) Kont kurrenti numru 2000025712-6 li fit-8 ta' Lulju, 2013 kien juri bilanc ta' €30.98[77] u meta xehed David Galea, in rapprezentanza tal-istess bank tah *update* tal-kont u

[76] Doks. MDG 33/Dok.s APS2 a fol. 1462
[77] Doks. MDG 31

kkonferma li sas-26 ta' April, 2016 kien hemm bilanc ta' €2,975.65;[78]

iii) Kont kurrenti 2000062596-4 illum maghluq u f'Mejju, 2012 kien hemm bilanc ta' €8898.95, liema somma giet trasferita lil omm il-konvenuta MF ;[79]

David Galea in rapprezentanza tal-istess bank ikkonferma li l-kont kurrenti numru 2000062596-4 huwa l-uniku kont li ghadu attiv. Jispjega li meta nfetah dan il-kont fis-26 ta' April, 2016, kien hemm depozitu ta' Lm2,500 (€8,000). Kienu saru xi movimenti minn dan il-kont, fejn sar zbank ta' €6,000 u saru zewg depositi ta' €3,000 rispettivament fiz-zewg term deposits bin-numri 2000062597-5 / 2000025712-6.

L-attur jinsisti li malli sar jaf b'dawn il-kontijiet il-konvenuta kienet waqfet taghmel depoziti f'dan il-kont, meta sa Novembru, 2010, meta waqfet kienet tiddepozitahom regolarment.

Omm il-konvenuta MF taghti verzjonijiet kemmxejn kontrastanti rigward dawn il-kontijiet. Peress li xehdet li kienet tinzel tghin fil-kumpanija u parti minn xogholha kien li tiggestixxi l-finanzi ta' uliedha, tikkonferma li kienet fethet il-kont kurrenti ghall-konvenuta bin-numru 2000062596-4 u meta xehed David Galea in rapprezentanza tal-istess bank ikkonferma li dawn il-flus gew trasferiti mill-kont 2000025712-6.

[78] A fol. 1230

[79] Doks. MDG 33 a fol. 361 u Dok. APS 3 a fol. 1464

Omm il-konvenuta tikkonferma li kienet gibdet dawn il-flus meta l-attur kien telaq lill-konvenuta in parti ghax il- ma kienx sejjer tajjeb, kif ukoll minhabba li l-attur kien telaq lill-konvenuta. Pero' f'xhieda ulterjuri taghti verzjoni totalment differenti, fejn spjegat li hi u zewgha kienu bieghu pittura u xi mobbli u kienu talbu lill-konvenuta sabiex jiddepositaw il-flus li qalghu minn dan il-bejgh fil-kont taghha sabiex ma jonfquhomx. Il-verzjoni taghha hija kkorroborata mill-konvenuta.

**B) HSBC (Malta) plc**

Audrey Ghigo li xehdet in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc. ikkonfermat li f'isem il-konvenuta kienu jirrizultaw zewg kontijiet:-

i) Kont numru 611003471 li mbaghad inbiddel ghan-numru 061-084307-001 u minn dan il-kont jirrizulta li kienu jsiru pagamenti fuq il-house loans u sat-30 ta' Mejju, 2013 kien hemm bilanc ta' €3.81;[80]

ii) Kont numru 131742479 u fl-4 ta' Settembru, 1997 kien hemm bilanc ta' zero.[81]

Fuq ammissjoni tal-konvenuta stess tghid li dawn il-flus kienet igemmaghhom ghall-uliedha u ghalhekk il-verzjoni ta' ommha mhix wahda verosimili, in kwantu primarjament ma kinitx konsistenti fix-xhieda taghha u inoltre jekk gew trasferiti lilha,

[80] Dok. HSBC 1 a fol. 1713
[81] Dok. HSBC 2 a fol. 1710

possibilment dan sar sabiex jigi evitat li dawn il-flus jigu ssekwestrati.

Ghalhekk, dawn il-flejjes li gew trasferiti lil omm il-konvenuta MF il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali Dr. Mallia li omm il-konvenuta ghandha troddhom lura u tiftah kont bankarju ghal kull wiehed minn ulied il-partijiet u tiddepozita nofs l-ammont mghoddija lilha lil kull wahda miz-zewg ulied tal-partijiet u jekk kemm il-darba diga' ghandhom kont bankarju hija ghandha tiddeposita nofs is-somma mghoddija lilha fil-kont bankarju ta' kull wahda minn ulied il-partijiet li ghandha f'isimha.

Inoltre, rigward il-kontijiet li ghandha f'isimiha mal-HSBC Bank Malta plc. dawn ghandhom jibqghu tal-konvenuta u m'ghandha tghaddi xejn minnhom lill-attur.

c) **<u>Kontijiet kongunti tal-Partijiet</u>**

Mir-rizultanzi processwali gew identifikati seba' kontijiet kongunti bejn il-partijiet li huma s-segwenti:-

i) Kont 061190229-300;

ii) Kont 061-190229-301;

iii) Kont 061-176699-300;

iv) Kont 14046015;

v) Kont 15046103;

vi) 061-190229-302;

vii) 061-176699-300.[82]

Dawn il-kontijiet kongunti ghandhom jinghalqu u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet.

**Dar Matrimonjali /Immobbli fil-Komunjoni tal-Akkwisti**

L-uniku immobbli formanti parti tal-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali u cioe' 19, Triq SanAnton Abati numru 4, Mosta li l-partijiet kienu xtraw meta kienu ghadhom gharajjes permezz ta' kuntratt fl-att tan-Nutar Dr.Tonio Spiteri datat 6 ta' Novembru, 1990. L-attur iddikjara fil-mori tal-proceduri, li d-dar tiswa' cirka €700,000 u l-Qorti tirrileva li ma regghetx saret valutazzjoni u ghaldaqstant l-istess valur mhux ikkonfermat bhala dak realisitiku ghas-suq illum.

Fil-kontro-talba taghha, il-konvenuta talbet sabiex tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attur. Il-Perit Legali Dr. Mallia irrakkomandat li dina t-talba m'ghandhiex tigi milqugha u dina l-istess dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom wara li kull parti tithallas l-parti parafernali taghha.

Il-Perit Legali, in sostenn ta' dan iccitat diversi sentenzi, fosthom **Pauline Borg Caruana vs Dionisio sive Dennis Caruana**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022 fejn il-Qorti qalet hekk:-

> "***M'hemm dubbju li l-Qorti tal-Familja ghandha diskrezzjoni wiesgha f'dan ir-rigward. Pero' fil-fehma ta' dina l-Qorti meta tqis ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ilment tal-appellant hu gustifikat. Veru li l-appellanti qiedgha***

[82] Doks. HSBC 4 – HSBC10

> ***f'relazzjoni ma' ragel iehor m'hemmx il-htiega li taghti ordni drastika bhal dik. Wara kollox il-fond matrimonjali hu proprjeta' taghha daqs kemm hu zewgha u qiedgha taghmel tajjeb ghal pagamenti tas-self ukoll. Il-fatt li l-appellanti hi responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg meta tikkunsidra dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni ghalfejn ghandha tigi mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta' taghha. Dan iktar u iktar meta hemm ordni li l-fond matrimonjali jinbiegh fi zmien sena. Inoltre l-kawza ilha pendenti kwazi tliet snin u ma jidhirx li matul dan il-perjodu kien hemm problemi dwar it-tgawdija tad-dar mill-partijiet***."

Ghal darb'ohra dina l-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-Perit Legali, primarjament minhabba l-fatt li t-tort tat-tifrik taz-zwieg hija tal-attur u mhux tal-konvenuta, it-tieni nett, dina l-kawza ilha ghaddejja 'l fuq minn ghaxar snin u tul dawn il-proceduri ma jirrizultax li kien hemm xi problemi bit-tgawdija tad-dar, tant hu hekk li sas-sena 2017, l-attur kien ighix mas-siehba tieghu u kien wara li nfirdu li mar ighix ghand ommu.

Inoltre, kif fuq gie kkunsidrat u deciz minn dina l-Qorti hemm diversi krediti dovuti mill-attur lill-konvenuta u peress li ghalkemm l-attur mhux persuna affidabbli kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell finanzjarju, il-Qorti tirrileva li l-konvenuta tkun biss mohhha mistrieh li dawn il-krediti gew saldati ghal dejjem, qed tassenja d-dar matrimonjali nterament lill-konvenuta, b'dana li l-krediti dovuti mill-

attur (li prattikament jammontaw ghal iktar minn **€100,000**) ghandhom jitnaqqsu mis-sehem u r-rimanenti bilanc ta' sehem l-attur ser jigi saldat kif ser jigi deciz iktar tard fl-intestatura "Sehem il-konvenuta mis-socjeta' Top Drawer Ltd."

Inoltre, peress li l-istess dar matrimonjali inghatat bhala garanzija lis-socjeta' Top Drawer Ltd., dina l-istess garanzija ghandha tigi kkancellata u kwalsiasi spejjez involuti sabiex tigi kkancellata dina l-garanzija ghandhom jitnaqqsu minn sehem l-attur.

**<u>Mobbli fid-dar matrimonjali</u>**

L-attur isostni li kien ghamel xogholijiet fid-dar qabel iz-zwieg, billi ghadda d-dawl u ilma, pogga l-madum, ghamel xoghol tal-injam peress li kien intiz f'dan ix-xoghol, kif ukoll isostni li ghamel xoghol ta' manutenzjoni u restawr fid-dar.

Ciononostante, l-attur naqas li jikkwantifika dan ix-xoghol jew li jitlob kumpens ghalihom. Iktar minn hekk taqbel mal-Perit Legali Dr. Mallia li llum ghadda hafna zmien fuq dawn ix-xogholijiet, li fil-maggorparti kienu xogholijiet strutturali li bhala xoghol ta' restawr u manutenzjoni jghid li kien hareg Lm6846 u dan jirrizulta mill-ispreadsheet li kien izomm u li giet esebita fl-atti ta' dina l-kawza.[83]

[83] A fol. 2239

Fl-istess spreadsheet jirrizulta li l-konvenuta kienet harget Lm1,277, filwaqt li missierha kien hareg Lm1,943.

L-attur qed jippretendi ukoll li jinghata lura l-istereo u l-muzika li hu halla warajh meta telaq mid-dar matrimonjali. Kien hemm ukoll zukkariera tal-fidda li nduna li kienet ghosfrot u rrizulta li l-konvenuta kienet tatha bhala garanzija ta' pagament lil missierha, peress li kien sellifha Lm300 sabiex thallas kont pendenti tad-dawl u ilma, Imbaghad tghid li kienet bieghhitha lill-missierha ghall-prezz ta' Lm350 u kien qallha sabiex izzommha d-dar taghha.

Jirrizulta ukoll li meta telaq mid-dar kien ha d-deheb tieghu, fosthom brazzuletti, *choker, tiepin, cygnet ring, engagement ring* u anke curkett tat-tieg, u kien qal lill-konvenuta li kien bieghhom, minkejja li kienet karbitlu sabiex ma jaghmilx hekk peress li riedithom ghat-tfal. Is-siehba tal-attur dak iz-zmien tat verzjoni kemmxejn differenti, in kwantu ammettiet li peress li l-attur kien ighix maghha kienu dahlu l-hallelin u serqu dawn id-dehebijiet.

Il-genituri tal-konvenuta dahlu iktar fix-xena wara li twieldet it-tifla D peress li d-dar kienet ghadha vojta u ghalhekk il-konvenuta tikkonferma li missierha kien sellifha l-kamra tal-ikel ta' nannintha, kien anke xtralha l-ghamara ghall-intrata, xtralha zewg sufanijiet ghas-salott u kien anke sellifha xi pitturi milli kellu mill-kollezzjoni tieghu.

Peress li l-attur kien anke baqa' jwieghda li ser ilesti l-kamra tas-sodda ta' D u kienet ghalqet sitt snin u dina s-sodda ma kinitx ghadha lesta hlief ghas-sodda u gwardarobba, spicca li missierha kien ghamel il-*parquet,* kien bajjadilha l-kamra u anke pogga *wallpaper*. Dan kollu huwa kkonferma minn omm il-konvenuta.

Il-konvenuta da parti taghha kienet hallset ghat-tibjid tad-dar, ghall-madum tal-gnien u kienet xtrat tapit fitted ghas-salott/kamra tal-pranzu.

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dawn il-fatti, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-attur ghandu jinghata lura l-mobbli parafernali tieghu, inkluz l-istereo u l-muzika li ghamel referenza ghalihom, filwaqt li l-konvenuta ghandha zzomm il-mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali, stante li jirrizulta li fil-maggorparti taghhom xtrajhomlha jew sellifhomlha missierha.

In kwantu l-pretenzjoni tal-attur li kien hareg is-somma ta' Lm6,846 kif jirrizulta mill-ispreadsheet li pprezenta, konsiderando l-htija tieghu li wassal ghal dina s-separazzjoni, dina l-Qorti ser tirrespingi t-talba tieghu.

**<u>Shares tal-konvenuta f'diversi socjetajiet</u>**

L-attur allega li l-konvenuta ghandha diversi ishma f'diversi socjetajiet. Il-konvenuta kkonfermat li hi kienet azzjonista b'25% f'kumpanija, pero' ma tindikax liema hi dina l-kumpanija. Inoltre, l-attur ma ressaqx provi dwar dina l-pretensjoni u anke jekk fuq bazi

ta' probabilita' l-ishma kienu fis-socjeta' ta' missier il-konvenuta, dan ma giex ippruvat bl-ebda mod u ghalhekk it-talba tal-attur sabiex issir valutazzjoni ta' dawn l-ishma ai fini ta' ekwiparazzjoni ghandha tigi respinta.

**<u>Sehem il-konvenuta mis-socjeta' Top Drawer Ltd.</u>**

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid li fis-sena 1997, l-attur beda kumpanija flimkien  ma' Adrian Bartolo u certu Steve, u cioe' Top Drawer Limited. L-istess attur jikkonferma li ghandu l-ishma fl-istess socjeta' u dan gie kkorroborat minn Adrian Bartolo fejn ikkonferma li ghandhom 50% kull wiehed mill-ishma fl-istess kumpanija.

Il-konvenuta tikkontendi li l-valur tas-socjeta' hija ta' cirka miljun, li sehem taghha huwa ta' 25% u ghalhekk il-konvenuta qed titlob li tigi kkreditata €250,000.

Ghall-attur, ighid li mexa fuq formula li ghaddielu Mark Scalpello, l-awditur tas-socjeta' u kkalkola li n-*net asset value* tal-ishma kien ta' €31.97 ghal kull share, fejn jirrizulta li kien hemm 750 *issued shares* u 2000 *authorised shares*.

Il-Perit Legali dahhlet f'hafna dettal dwar is-socjeta' Top Drawer Limited, izda bir-rispett kollu, huma biss l-ishma tal-attur li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Waslet sabiex ikkonfermat il-kalkoli tal-attur li l-valur tal-ishma 750 issued shares huwa ta' cirka €31 kull wiehed u ghalhekk sehem il-konvenuta huwa ta' cirka ftit izjed minn €5000. Dawn il-kalkoli huma ghal kollox irrealisitici meta l-Qorti tqis

id-diversi ordnijiet li kellha dina s-socjeta' u anke l-istess attur stqarr li kellhom hafna xoghol, tant li ma setax ilahhaq. Certament mhix socjeta' ta' sold u nofs.

Il-partijiet naqsu, fil-mori tal-kawza, li jitolbu lil Qorti sabiex jigi appuntat Perit Komputista sabiex jivvaluta dawn l-ishma u l-Qorti ghandha biss quddiemha valutazzjoni li saret mill-attur a bazi ta' formula li skond hu ghaddieli l-awditur tal-kumpanija. L-attur mhux professjonist li jaghmel komputazzjoni tal-ishma u sabiex dina l-Qorti ikollha iktar stampa cara tal-valutazzjoni ikun necessarju li ssir minn persuna kompetenti. Dawn mhux provi konkreti u sufficijenti biex dina l-Qorti jkollha indikazzjoni tal-valur ta' dawn l-ishma. Il-partijiet kellhom kull opportunita' li jaghmlu dan, izda raqdu fuqha u inoltre l-Qorti ghandha dubbji cari kemm kien ser ikollha stampa cara tal-valur tas-socjeta' *in ogni caso* u dan tenut kont tal-fatt li temmen li l-azzjonisti ma jiddikjarawx il-qliegh totali taghhom.

B'hekk il-Qorti m'ghandha ebda ghazla ghajr li temmen il-verzjoni tal-konvenuta u l-pretenzjoni taghha ta' €250,000 a saldu tas-sehemha fl-ishma tas-socjeta' Top Drawer Limited ser tigi saldata bl-assenjament tal-bilanc li fadal mid-dar matrimonjali lill-konvenuta.

**<u>Vetturi</u>**

Il-Qorti taqbel ma' dak li gie kkonstata mill-Perit Legali Dr. Mallia u cioe' li l-partijiet kellhom vettura wahda Daihatsu Terios li tintuza mill-konvenuta. L-istess konvenuta tikkonferma li kienet xtrat dina l-

vettura fl-1997 ghall-prezz ta' Lm8,500 li hallsithom minn bejgh ta' karozza minn dak li kienet tfaddal mill-impjieg *part-time* li kellha.

Prezentement l-attur jammetti li qed isuq il-vettura t'ommu Fiat Punto VIZ 111 u li ghad ghandu vettura Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni DAT 254.

Ikun opportun li kull parti ghandha zzomm il-vettura li ghandha rregistrata fuq isimha u peress li ghaddew diversi snin ma hemm ebda lok ghall-ekwiparazzjoni.

**<u>Dejn mal-Arms u mal-GO</u>**

Il-konvenuta kienet taht l-impressjoni li l-attur kien qed jiehu hsieb li jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u ma setghetx tkun taf qabel peress li kien jinsisti maghha biex ma tiftahlux posta. Kien biss wara li telaq li saret taf li kien hemm kontijiet pendenti mal-ARMS u Go.

Fit-13 ta' Lulju, 2012, il-konvenuta kienet irceviet il-kont tad-dawl u ilma u *final notice* li kellhom sebat ijiem sabiex ihallsuh, inkella kienu ser jaqtaghulhom is-servizz.

L-ahhar kont fuq id-dar matrimonjali kien jammonta ghal €3,496.95 ghall-perjodu bejn it-3 ta' Gunju, 2015 sal-31 ta' Lulju, 2015.[84]

Fid-19 ta' Lulju, 2012 sar payment plan bejn l-Arms u l-attur fejn l-ammont dovut kien ta' €3,452.57 u l-attur obbliga ruhu li jhallashom permezz ta' pagamenti kif imfassla fil-ftehim.[85]

---

[84] Doks. Arms2 a fol. 2201

[85] Dok. Arms 4 a fol. 2196

Permezz ta' digriet ta' dina l-Qorti datata 2 ta' Dicembru, 2013, il-Qorti ordnat lill-attur ihallas pendente lite zewg terzi tal-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali. Dan gie segwit b'digriet iehor mahrug fit-30 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti ordnat li apparti l-manteniment, l-attur kellu jhallas ukoll €290 bhala hlas ta' arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma. Imbaghad varjat dan id-digriet fis-26 ta' Awissu, 2016, fejn fl-istess digriet ordnat li l-kontijiet tad-dawl u ilma ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta esklussivament.

Ghall-perjodu bejn it-30 ta' Marzu, 2015 u l-31 ta' Awissu, 2016, il-konvenuta ssostni li l-attur kellu jhallas €8,567.22 u naqas milli jhallas €290 fix-xahar kif gie ordnat li jhallas u kien ghaddielha biss is-somma ta' €2,610 biss meta kien ser jirriskja li ser jispicca l-Habs.

Da parti tieghu l-attur jinsisti li meta telaq mid-dar kien hemm kont pendenti ta' cirka €3,000 u kien hallas nofshom.

Il-Perit Legali elenkat id-diversi hlasijiet li saru u l-bilanci li kien fadal sakemm l-ahhar bilanc li kkonfermat kien dak tat-3 ta' Marzu, 2022 fejn kien baqa' bilanc ta' €192.60.[86]

Inoltre, jirrizulta li l-attur ma segwix l-ordni tal-Qorti sabiex ihallas l-ammont ta' €290 fix-xahar, kif ordnat fid-digriet tat-30 ta' Marzu, 2015 sas-26 ta' Awissu, 2016 u ghalhekk l-arretrati jammontaw ghas-somma ta' €4,930 kif ikkonfermat mill-Perit Legali.

[86] Vide rapport peritali a fol.136/137

Il-Perit Legali tenniet li mhux car li meta l-attur hallas lill-konvenuta s-somma ta’ €2,610, jekk dawn marru versu l-kontijiet tad-dawl u ilma.

Inoltre, il-Perit Legali ssolevat il-fatt li ma tistax taqbel mal-kalkolazzjonijiet tal-konvenuta in kwantu jirrigwarda l-arretrati fuq il-kont tad-dawl u ilma (€4,224.22) sal-1 ta’ Dicembru, 2013 u dan meta skond l-istatement tal-ARMS fid-19 ta’ Ottubru, 2013 kien hemm €4027.65 dovuti u sat-28 ta’ Novembru, 2013 kien hemm €3779.27 dovuti. Ghalhekk in vista li kien ghadu ma harigx id-digriet tat-2 ta’ Dicembru, 2013 dan l-ammont ghandu jithallas mill-attur.

Mit-2 ta’ Dicembru, 2014 sas-26 ta’ April, 2016 ghandu jinqassmu in kwantu zewg terzi ghall-attur u terz ghall-konvenuta. Imbaghad mis-27 ta’ April, 2016 sakemm id-dar matrimonjali tinbiegh ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

Jekk fil-mori tal-proceduri, il-konvenuta ghamlet xi pagamenti li suppost ghamel l-attur, ghandha tigi indennizzata f’dak l-ammont.

Dwar arretrati tal-Go u Melita mill-provi jirrizulta biss li sa mill-13 ta’ Settembru, 2013 kien jidher li hemm bilanc ta’ €156.70 u jekk dan l-ammont ghadu dovut irid jithallas mill-attur.

**Kreditu Parafernali tal-attur**

L-attur jikkontendi li kull parti ghandha tigi kkumpensata ghall-krediti parafernali rispettivi taghhom.

i) Mix-xhieda jirrizulta li kien hemm pittura u tray tal-fidda li kienu jiffurmaw parti mill-wirt tal-attur. Il-konvenuta xehdet li l-attur kien wiret zewg pitturi u wahda minnhom kien

bieghha u kien qasam il-flus ma' hutu. Huwa kkonfermat li dawn il-flus intuzaw ghall-uzu personali tal-attur, kif ukoll kien hadhom btala l-Inghilterra.

Dwar it-tray tal-fidda, l-attur jikkonferma li kellu l-intenzjoni li jehodha u jbieghha, izda mbaghad kienet baqghet id-dar t'ommu.

Ghandu jigi rilevat illi dwar il-pittura l-ohra li semmiet il-konvenuta ma nstema' xejn izjed u ghalhekk dina l-Qorti mhix ser tehodha in konsiderazzjoni.

Dwar it-tray tal-fidda dina tinstab ghand omm l-attur, fejn fl-ahhar mill-ahhar ghandha tkun gialadarba hija parafernali u gejja mill-wirt ta' missierha.

Isemmiet ukoll zukkariera tal-fidda, li kienet fid-dar matrimonjali tal-partjiet. Il-konvenuta ammettiet li kellha tissellef €300 minghand missierha ghaliex kienu waqghu lura fuq il-pagamenti tal-kontijiet tad-dawl u ilma u missierha ma kienx sab problema li tinstab fid-dar, izda meta l-attur telaq mid-dar, missierha kien talabha dina z-zukkariera.

F'dan il-kuntest, iz-zukkariera hija indubbjament proprjeta' parafernali tal-attur u anke jekk mhux xieraq li kien hemm arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma, ma kellha ebda dritt li tissellef il-flus u tiggarantixxi tali pagament biz-zukkariera.

Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha tirrifondi lura lill-attur dina z-zukkariera.

ii) Jirrizulta ukoll li l-attur kien wiret xi ghamara mill-wirt ta' missieru u bieghuhom, fejn sehemhu kien ta' €6,000. Minn dawn il-flus hemm qbil li kien tah lill-bintu Dawn €1,500 biex tixtri karozza u €1,000 biex tixtri laptop.

Inoltre, jirrizulta li l-familja tal-attur bieghu fond 127 Old Theatre street, Valletta fejn il-kuntratt sar fl-atti tan-Nutar Dr.Anthony Abela, fejn l-istess fond inbiegh ghall-prezz ta' €310,000. Jirrizulta li sehem l-attur kien dak ta' 1/72 u ghalhekk meta jitnaqqsu €18,290 agency fees, €288.61 bhala sehemhu l-attur ma jkunx ha iktar minn €11,000.

Il-Perit Legali elenkat diversi mobbli u immobbli appartenenti l-wirt tal-missieru u minn fejn il-konvenuta tishaq li l-attur ircieva €12,916,67 u ma kienx infurmaha mill-bejgh tal-immobbli u fejn ikkalkulat l-istess Perit legali li ma kienx iktar minn €11,000.

Dwar dawn il-flejjes ukoll dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Mallia, li dawn il-flus ircevihom l-attur u ma jirrizultax fejn intefqu kollha, izda probabilment kienu ntefqu fuq il-familja, kif l-attur tah flus lill-bintu D biex tixtri laptop u anke biex igemmgha sabiex tixtri karozza. Ghalhekk il-konvenuta mhix obbligata li tirrifondi lill-attur dawn l-ammonti

iii) Kien hemm self li sar permezz ta' skrittura fil-21 ta' Marzu, 2014 quddiem in-Nutar Hugh Grima, fejn l-omm l-attur kienet sellfitu €10,000, liema somma kellha tintuza sabiex ihallas il-mizati tal-iskola u fil-fatt kien hemm pagament li sehh fit-18 ta' Marzu, 2014 lil l-iskola San Anton, kif

ikkonfermat minn Dr.Gauci. Minkejja li d-data tirrizulta li hija qabel li saret l-iskrittura, in ogni probabilita' ommu ghaddietlu l-flus qabel.

Fl-istess skrittura kien hemm ftehim jekk kemm il-darba, l-attur jonqos li jhallasha lura, jinqatghu minnn sehemu mill-wirt u fil-fatt hekk gara ghaliex ma hax sehemhu mill-kera meta ommu kriet hanut li kellhom il-Belt.

Il-konvenuta m'ghandha tghaddilu xejn lill-attur ta' dawn il-flejjes ghaliex kellu juzahom ghall-arretrati li kien hemm fuq il-mizati tal-Iskola San Anton wara li gie ordnat jaghmel hekk u dan wara li l-Qorti temmen il-verzjoni attrici milli dak li tikkontendi l-konvenuta, li dawn il-flus intuzaw fil-kumpanija.

iv) Kaxxa bi flus Russi li omm l-attur kienet tatu. Jirrizulta li din hija proprjeta' parafernali tal-attur u ghandu jzommha hu.

v) Gie kkonfermat ukoll mill-provi li meta l-attur telaq mid-dar matrimonjali kien ha d-deheb tieghu, li fil-maggoranza kienu jikkonsistu f'rigali li kienet tatu l-konvenuta. Dawn kienu jinkludu **cygnet ring, tiepin, Cartier** necklace u bracelet, li l-konvenuta stmat li dawn kellhom valur ta' cirka €5,000.

Fix-xhieda tieghu l-attur stqarr li kien biegh dawn l-oggetti. MS , li kienet is-siehba tal-attur dak iz-zmien li telaq mid-dar ammettiet li dawn id-dehebijiet kienu jinsabu ghandha, izda kienu dahlu l-hallelin u serquhom.

Ma gewx ipprezentati ebda dokumenti sabiex jindikaw il-valuri ta' dawn id-dehebijiet u ghalhekk il-Perit Legali ghamlet valutazzjoni *arbitrio boni viri* u wasslet ghall-ammont ta' €2,500 li l-attur ghandu jghaddi lill-konvenuta. Tenut kont li l-gizirana u l-brazzuletta huma tal-marka Cartier, li hija marka prestiggjuza, l-valur ta' €2,500 mhix daqshekk realistika, filwaqt li l-valur ta' €3,500 hija wahda iktar vicin l-valur ta' dawn l-oggetti ta' giollerija.

**Tax Rebates u Taxxa Spejjez kawza Attur**

Il-konvenuta tghid li l-attur ghandu jaghtiha nofs is-somma ta' €3,171 tax rebates li rceiva u qed tippretendi €1,586.50, flimkien mat-taxxa tal-kawza li ghamel fil-Qorti Kostituzzjonali li tammonta ghal €2,880.29.[87]

Peress li dawn il-krediti jirrizultaw, l-attur ghandu jirrifondi nofs l-ammont pretiz tat-tax rebates u cioe' s-somma ta' €1,586.50 u nofs it-taxxa tal-kawza Kostituzzjonali u cioe' s-somma ta' €1,440.15.

**Krediti Parafernali tal-Konvenuta**

[87] A fol 2293 u 2240

Il-Perit Legali Dr. Mallia ghamlet referenza ghal diversi krediti parafernali li ghamlet referenza ghalihom il-konvenuta:-

i) Il-flus li tawha n-nannu u l-genituri taghha meta xtraw id-dar matrimonjali, diga' ppronunzjat ruhha l-Qorti;
ii) Dwar il-*white goods* li nxtraw mill-genituri tal-konvenuta dawn intuzaw u ghalhekk m'ghadhx hemm lok li tigi kkreditata ghalihom;
iii) Dwar il-flus li l-konvenuta tghid li harget sabiex bniet il-kamra tal-*washroom*, ma hemmx xejn x'jindika li dawn intefqu minn flus parafernali u l-konvenuta taghmel referenza ghal dawn l-flus meta diga' kellhom it-tifla D.
iv) Il-mizati tal-iskola li hallset oht il-konvenuta DC fil-15 ta' Dicembru, 2021, fil-5 ta' April, 2022 u fl-14 ta' Lulju, 2022 kien fi zmien meta kien inhareg digriet li ordna li dawn il-mizati kellhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet u ghalhekk ma tistax tippretendi li ghandha tinghata rifuzjoni taghhom.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi DG minhabba tort unikament tal-attur.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna t-terminazzjoni u x-xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida l-istess Komunjoni tal-Akkwisti u tordna li l-istess assi u oggetti kollha formanti parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti kif fuq gie mfisser fl-intestatura Komunjoni tal-Akkwisti, b'mod ukoll li f'tali likwidazzjoni jittiehed kont tal-krediti parafernali tal-attur fil-konfront tal-Komunjoni tal-Akkwisti.

4. Tichad ir-raba' talba attrici stante li ma tirrizultax htija da parti tal-konvenuta.

5. Tichad il-hames talba attrici stante li ma tirrizulta ebda htija da parti tal-konvenuta li tiggustifika l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kodici Civili fil-konfront taghha.

6. Tilqa' s-sitt talba in kwantu li l-konvenuta ma ghamlet ebda talba ghall-manteniment ghaliha u dan kif ukoll gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Manteniment."

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici limitatament ghat-tifla DB , stante li t-tifla D saret maggorenni u takkorda l-kura u kustodja esklussivament lill-konvenuta, filwaqt li l-access ghall-attur ikun liberu.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici u tordna lill-attur sabiex ighaddi manteniment ghall-minuri DB  kif diga’ gie deciz iktar ‘l fuq fl-intestatura “Manteniment.”

   Dan il-manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm it-tifla minuri taghlaq 23 sena jekk kemm il-darba tkompli tistudja fuq bazi *full-time*.

   **Kontro-Talba**

   1. Tilqa’ l-ewwel kontro-talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenzjonat u ghall-finijiet tal-Artikolu 48© tal-Kodici Civili (Kap.16) u tistabilixxi d-data tas-27 ta’ Marzu, 2012 meta l-attur ghandu jigi kkunsidrat hati tal-firda u cioe’ d-data meta telaq mid-dar matrimonjali.

   2. Tilqa’ t-tieni kontro-talba u tordna lill-konvenuta tghix separatament mill-attur zewgha.

   3. Tilqa’ t-tielet kontro-talba limitatament ghall-minuri DB, stante li t-tifla D,  saret maggorenni u tikkonferma li l-kura u kustodja

ta' DB ghandha tkun esklussiva ghall-konvenuta, b'access liberu ghall-attur kif deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Kura u Kustodja."

4. Tilqa' r-raba' kontro-talba limitatament ghall-minuri DB u tordna lill-attur ihallas manteniment ghal istess minuri kif gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Manteniment."

5. Tichad il-hames kontro-talba kif diga' gie deciz iktar 'l fuq.

6. Tilqa' s-sitt kontro-talba stante l-adulterju kommess mill-attur.

7. Tilqa' s-seba' kontro-talba skond kif gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

8. Tilqa' t-tmien kontro-talba skond kif gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

9. Tilqa' d-disa' kontro-talba u tiddikjara xolta l-Komunjoni tal-Akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha skond kif diga' gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

   Tahtar lin-nutar Elena Farrugia sabiex tircievi l-att relattiv, u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

10. Tilqa' l-ghaxar kontro-talba u tordna li l-konvenuta u uliedha jkomplu jghixu fid-dar matrimonjali.

11. Tilqa' l-hdax-il kontro-talba u tawtorizza lill-konvenuta tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn dina l-Qorti.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-attur, inkluz tal-Kontro-Talba.

**Onor.Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**